SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla)

25 ta’ Marzu 2021*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Skemi ta’ garanzija għal depożiti – Direttiva 94/19 – Punt 3(i) tal-Artikolu 1 – Artikolu 7(6) – Artikolu 10(1) – Kunċett ta’ ‘depożitu mhux disponibbli’ – Konstatazzjoni ta’ indisponibbiltà tad-depożitu – Awtorità kompetenti – Dritt għal kumpens tad-depożitant – Klawżola kuntrattwali kuntrarja għad-Direttiva 94/19/KE – Prinċipju tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni – Sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja – Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) – Regolament (UE) Nru 1093/2010 – Artikolu 1(2) – Punt 2(iii) tal-Artikolu 4 – Artikolu 17(3) – Rakkomandazzjoni tal-ABE lil awtorità bankarja nazzjonali dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 94/19 – Effetti legali – Validità – Riorganizzazzjoni u likwidazzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu – Direttiva 2001/24/KE – Is-seba’ inċiż tal-Artikolu 2 – Kunċett ta’ ‘miżuri ta’ riorganizzazzjoni’ – Kompatibbiltà mal-Artikolu 17(1) u mal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Responsabbiltà tal-Istati Membri f’każ ta’ ksur tad-dritt tal-Unjoni – Kundizzjonijiet – Ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni – Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri – Prinċipju ta’ kooperazzjoni leali – Artikolu 4(3) TUE – Prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività”

Fil-Kawża C-501/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva tal-belt ta’ Sofija, il-Bulgarija), permezz ta’ deċiżjoni tas-17 ta’ Lulju 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta’ Lulju 2018, fil-proċedura

**BT**

kontra

**Balgarska Narodna Banka**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba’ Awla),

komposta minn M. Vilaras, President tal-Awla, N. Piçarra (Relatur), D. Šváby, S. Rodin u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Balgarska Narodna Banka, minn A. Kalaydzhiev, advokat,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn H. Krämer, Y. Marinova u A. Steiblytė, sussegwentement minn Y. Marinova u A. Steiblytė bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni

– tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1, tal-Artikolu 7(6) u tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 252), kif emendata bid-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 (ĠU 2009, L 68, p. 3) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 94/19");

– tal-punt 2(iii) tal-Artikolu 4, tal-Artikolu 17(3) u tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU 2010, L 331, p. 12);

– tas-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 15), fid-dawl tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta");

– tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istati Membri għal danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni;

– tal-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-prinċipji ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, ta' ekwivalenza u ta' effettività;

kif ukoll fuq il-validità tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) tas-17 ta' Ottubru 2014 indirizzata lill-Balgarska Narodna Banka (il-Bank Nazzjonali Bulgaru, iktar 'il quddiem il-"BNB") u lill-Fond za garantirane na vlogovete v bankite (il-Fond ta' Garanzija għal Depożiti Bankarji, iktar 'il quddiem il-"FGVB"), fuq il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva 94/19/KE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn BT u l-BNB dwar talba għal kumpens għad-dannu li BT tqis li ġarrbet bħala konsegwenza ta' diversi azzjonijiet u ommissjonijiet tal-BNB fil-kuntest tal-miżuri ta' sorveljanza meħuda kontra l-Korporativna Targovska Banka AD (iktar 'il quddiem il-"KTB").

**Il-kuntest ġuridiku**

***Id-dritt tal-Unjoni***

***Id-Direttiva 94/19***

3 Id-Direttiva 94/19 tħassret u ġiet issostitwita bid-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU 2014, L 173, p. 149, rettifiki fil-ĠU 2014, L 212, p. 47, u fil-ĠU 2014, L 309, p. 37). Billi dan it-tħassir daħal fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2015, id-Direttiva 94/19 tibqa' applikabbli għall-kawża prinċipali.

4 L-ewwel, it-tieni, it-tmien, id-disa', l-erbgħa u għoxrin, u l-ħamsa u għoxrin premessa tad-Direttiva 94/19 jipprovdu dan li ġej:

"Billi, bi qbil ma' l-għanijiet tat-Trattat, żvilupp armonizzat ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-Kommunità kollha għandu jkun imħeġġeġ permezz ta' l-eliminazzjoni tar-restrizzjonijiet kollha tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jkunu ipprovduti servizzi, waqt li tiżdied l-istabbilità tas-sistema bankarja u tal-protezzjoni ta' dawk li jfaddlu;

[b]illi, meta r-restrizzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu eliminati, konsiderazzjoni għandha tingħata lis-sitwazzjoni li tista' tinqala jekk depożiti f'istituzzjoni ta' kreditu li jkollha friegħi fi Stati Membri oħra ma jkunux aktar disponibbli; billi huwa indispensabbli li jkun assigurat livell minimu ta' armonizazzjoni tal-protezzjoni ta' depożiti kull meta depożiti jkunu lokalizzati fil-Komunità minħabba li protezzjoni bħal din għal depożiti hija essenzjali bħala regola prudenti għat-twettieq tas-suq singolu bankarju;

[...]

[b]illi armonizazzjoni għandha tkun illimitata għall-elementi ewlenija ta' skemi ta' garanzija ta' depożiti u [...] għandha tassigura pagamenti permezz ta' garanzija ikkalkolati fuq il-bażi ta' livell minimu armonizzat;

[b]illi skemi ta' garanzija għal depożiti għandhom jintervjenu malli d-depożiti ma jkunux disponibbli;

[...]

[b]illi din id-Direttiva ma tistax tirriżulta li l-Istat Membru jew l-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkunu responsabbli fir-rigward ta' depożitaturi jekk huma jkunu assiguraw li skema waħda jew aktar li tiggarantixxi depożiti jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu nnifishom u tassigura kumpens jew protezzjoni tad-depożitaturi skond il-kundizzjonijiet preskritti f'din id-Direttiva kienu ġew introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti;

[b]illi protezzjoni ta' depożiti hija element essenzjali fit-twettieq tas-suq intern u supplement indispensabbli tas-sistema ta' superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu minħabba s-solidarjetà li toħloq fost l-istituzzjonijiet kollha f'suq finanzjarju partikolari fil-każ ta' nuqqas ta' xi wieħed minnhom".

5 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1) 'depożitu' għandha tfisser xi bilanċ ta' kreditu li jirriżulta minn fondi li jitħallew f'kont jew minn sitwazzjonijiet temporanji li joħorġu minn transazzjonijiet bankarji normali u li l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tħallas skond il-kondizzjonijiet legali u kontrattwali applikabbli, u xi dejn b'xhieda ta' ċertifikat maħruġ mill-istituzzjoni ta' kreditu.

[…]

3) 'depożiti mhux disponibbli' għandu jfisser depożitu li huwa dovut u pagabbli imma li ma kienx ġie mħallas mill-istituzzjoni ta' kreditu permezz tal-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli dwarhom, li kienu jew:
   (i) l-awtoritajiet kompetenti relevanti jkunu ddeterminaw li fl-aspett tagħhom l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tkun tidher li ma tkunx tista' għal issa, għal raġunijiet li huma direttament relatati maċ-ċirkostanzi finanzjarji tagħha, li jitħallas lura d-depożitu u li ma jkollha l-ebda prospett attwali li jkun jista jsir dan.

   L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dik id-determinazzjoni malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara li l-ewwel ikunu sodisfatti li istituzzjoni ta' kreditu tkun naqset milli tħallas lura depożiti li huma dovuti u pagabbli; […]

[…]"

6 L-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) u (2) tal-imsemmija direttiva tipprevedi:

"1. Kull Stat Membru għandu jassigura li fit-territorju tiegħu, waħda jew aktar skemi ta' garanzija ta' depożitu jkunu introdotti u uffiċjalment rikonoxxuti. […]

[…]

2. Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konformi ma l-obbligazzjonijiet mitfuha fuqha bħala membru ta' skema ta' garanzija ta' depożitu, l-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu l-awtorizzazzjoni tagħha għandhom ikunu nnotifikati u, b'kollaborazzjoni ma l-iskema ta' garanzija, għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa inklużi l-impożizzjonijiet ta' sanzjonijiet biex jassiguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun konformi ma' l-obbligazzjonijiet tagħha."

7 L-Artikolu 7(1a), (2) u (6) tal-istess direttiva jipprovdi:

"1a. Sal-31 ta' Diċembru 2010, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kopertura għad-depożiti aggregati ta' kull depożitant għandha tkun iffissata għal EUR 100,000 fil-każ li d-depożiti ma jkunux disponibbli.

[…]

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li ċerti depożitaturi jew depożiti għandhom ikunu esklużi mill-garanzija jew għandhom jingħataw livell anqas ta' garanzija. […]

[…]

6. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li d-drittijiet tad-depożitaturi għal kumpens jista' jkun suġġett għal azzjoni mid-depożitatur kontra l-iskema ta' garanzija ta' depożitu."

8 Skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19:

"L-iskemi ta' garanzija għad-depożiti għandhom ikunu f'qagħda li jħallsu t-talbiet debitament ivverifikati magħmulin minn depożitanti fir-rigward ta' depożiti li ma jkunux disponibbli fi żmien għoxrin jum ta' xogħol mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jagħmlu d-determinazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 1(3)(i) […]"

### *Ir-Regolament Nru 1093/2010*

9 Il-premessi 27 sa 29 tar-Regolament Nru 1093/2010 jistabbilixxu:

"(27) Li tiġi żgurata l-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-liġi tal-Unjoni huwa prerekwiżit fundamentali għall-integrità, it-trasparenza, l-effikaċja u l-operat xieraq tas-swieq finanzjarji, l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, u għall-kondizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji fl-Unjoni. Għalhekk għandu jiġi stabbilit mekkaniżmu li bih l-[ABE] tindirizza każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni jew applikazzjoni inkorretta tal-liġi tal-Unjoni li tammonta għal ksur tagħha. Dak il-mekkaniżmu għandu japplika f'oqsma fejn il-liġi tal-Unjoni tiddefinixxi obbligi ċari u inkondizzjonat.

(28) Biex ikun hemm rispons proporzjonat għal każijiet ta' applikazzjoni skorretta jew insuffiċjenti tal-liġi tal-Unjoni, għandu japplika mekkaniżmu fi tliet gradi. L-ewwel, l-[ABE] għandha tingħata s-setgħa li tinvestiga l-allegata applikazzjoni skorretta jew insuffiċjenti tal-obbligi legali tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali fil-prattika superviżorja tagħhom, konkluża b'rakkomandazzjoni. It-tieni, fejn l-awtorità kompetenti nazzjonali ma ssegwix ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li toħroġ opinjoni formali filwaqt li tieħu kont tar-rakkomandazzjoni tal-[ABE], li titlob li l-awtorità kompetenti tieħu l-azzjonijiet meħtieġa biex tiżgura l-konformità mal-liġi tal-Unjoni.

(29) It-tielet, sabiex jingħelbu sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' nuqqas ta' azzjoni persistenti mill-awtorità kompetenti konċernata, l-[ABE] għandha tingħata s-setgħa, bħala l-aħħar alternattiva, li tadotta deċiżjonijiet indirizzati lejn istituzzjonijiet finanzjarji individwali. Dik is-setgħa għandha tkun limitata għal ċirkostanzi eċċezzjonali fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-opinjoni formali indirizzata lilha u li fiha l-liġi tal-Unjoni tkun tapplika direttament għall-istituzzjonijiet finanzjarji permezz ta' regolamenti tal-Unjoni eżistenti jew futuri."

10 Skont l-Artikolu 1(2) ta’ dan ir-regolament, l-[ABE] għandha taġixxi fil-qafas tas-setgħat mogħtija lilha b’dan ir-Regolament u fi ħdan il-kamp ta’ applikazzjoni, fost oħrajn, tad-Direttiva 94/19, sal-punt li din tapplika għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u dawk finanzjarji u l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljawhom.

11 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jiddikjara:

“Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

2. ‘awtoritajiet kompetenti’ tfisser:

[…]

(iii) f’dak li jirrigwarda l-iskemi ta’ garanzija ta’ depożitu, il-korpi li jamministraw skemi ta’ garanzija ta’ depożitu skont id-Direttiva [94/19] jew fil-każ fejn l-operat tal-iskema ta’ garanzija tad-depożitu hija amministrata minn kumpanija privata, l-awtorità pubblika li tissorvelja dawk l-iskemi skont dik id-Direttiva.”

12 L-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1093/2010, intitolat “Ksur tal-liġi tal-Unjoni”, jipprevedi:

“1. Fejn awtorità kompetenti ma tkunx applikat l-atti msemmija fl-Artikolu 1(2), jew tkun applikathom b’mod li jidher li jkun ksur tal-liġi tal-Unjoni, inklużi l-istandards tekniċi regolatorji u l-istandards tekniċi ta’ implimentazzjoni stabbiliti skont l-Artikoli 10 sa 15, b’mod partikolari billi tonqos milli tiżgura li istituzzjoni finanzjarja tissodisfa r-rekwiżiti stipulati f’dawk l-atti, l-[ABE] għandha taġixxi skont is-setgħat stipulati fil-paragrafi 2, 3 u 6 ta’ dan l-Artikolu.

2. Fuq talba minn awtorità kompetenti waħda jew aktar, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni jew il-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati, jew fuq inizjattiva tagħha stess, u wara li tinforma lill-awtorità kompetenti kkonċernata, l-[ABE] tista’ tinvestiga l-ksur jew in-nuqqas ta’ applikazzjoni allegati tal-liġi tal-Unjoni.

[…]

3. L-[ABE] tista’, mhux aktar tard minn xahrejn mill-bidu tal-investigazzjoni tagħha, tindirizza rakkomandazzjoni lill-awtorità kompetenti konċernata li tistabbilixxi l-azzjoni meħtieġa sabiex tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni.

[…]

6. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE, fejn awtorità kompetenti ma tikkonformax mal-opinjoni formali msemmija fil-paragrafu 4 fil-perijodu ta’ żmien speċifikat fiha, u fejn ikun meħtieġ sabiex tirrimedja f’ħin opportun tali nuqqas ta’ konformità sabiex iżżomm jew treġġa’ lura l-kondizzjonijiet newtrali ta’ kompetizzjoni fis-suq jew tiżgura l-operat sewwa u l-integrità tas-sistema finanzjarja, l-[ABE] tista’, fejn ir-rekwiżiti rilevanti tal-atti msemmija fl-Artikolu 1(2) japplikaw direttament għall-istituzzjonijiet finanzjarji, tadotta deċiżjoni individwali indirizzata lil istituzzjoni finanzjarja li tkun teħtieġ l-azzjoni meħtieġa sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha skont il-liġi tal-Unjoni fosthom il-waqfien ta’ kwalunkwe prattika.

[…]

7. Id-deċiżjonijiet adottati taħt il-paragrafu 6 għandhom jipprevalu fuq kwalunkwe deċiżjoni preċedenti adottata mill-awtoritajiet kompetenti fuq l-istess kwistjoni.

[…]"

*Id-Direttiva 2001/24*

13 Il-premessi 2, 5 u 6 tad-Direttiva 2001/24 jinqraw kif ġej:

"(2) Fl-istess ħin li [l-ostakoli kollha għal libertà ta' stabbiliment u għal libertà li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni] jkunu eliminati, għandu jingħata kas tas-sitwazzjoni li tista' tinqala' jekk l-istituzzjoni ta' kreditu isib diffikultajiet, l-aktar fejn dik l-istituzzjoni għandha friegħi fi Stati Membri oħra.

[…]

(5) L-adozzjoni tad-Direttiva [94/19], li introduċiet il-prinċipju ta' sħubija obbligatorja mill-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' skema ta' garanzija fl-Istati Membri ta' oriġini, joħroġ aktar ċar il-bżonn għar-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ.

(6) L-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom ikollhom is-setgħa waħedhom li jiddeċiedu u jimplimentaw il-miżuri ta' riorganizzazzjoni provduti fil-liġi u l-prattiċi fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. Minħabba d-diffikultà li jkunu armonizzati l-liġijiet u l-prattiki ta' l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jkun stabbilit rikonoxximent reċiproku minn Stati Membri tal-miżuri meħuda minnhom kollha biex jerġgħu jsiru vijabbli l-istituzzjonijiet ta' kreditu li tkun aworizzat."

14 Skont l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva, din "għandha tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-friegħi tagħhom mwaqqfa fl-Istati Membri tagħhom li ma jkunux dawk fejn jinsabu l-uffiċċji prinċipali, kif definiti fil-punti (1) u (3) ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/12/KE, [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu [(ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 3, p. 272)], bla ħsara għall-kondizzjonijiet u eżenzjonijiet provduti fl-Artikolu 2(3), [ta' din l-aħħar direttiva]".

15 Skont is-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24, "miżuri ta' riorganizzazzjoni" għandhom ifissru miżuri li "huma maħsuba biex jippreservaw jew iġibu lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu u li tista' taffettwa d-drittijiet pre-eżistenti ta' terzi, inkluż miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' ħlasijiet, sospensjoni ta' miżuri ta' infurżar jew tnaqqis ta' talbiet".

16 Intitolat "Adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni – liġi applikabbli", l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom ikunu waħedhom mogħtija s-setgħa li jiddeċiedu fuq l-implimentazzjoni ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew iżjed f'istituzzjoni ta' kreditu, inkluż friegħi stabbiliti fi Stati Membri oħra.

2. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu applikati skond il-liġijiet, ir-regolamenti u l-proċeduri applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor f'din id-Direttiva.

[…]

Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu effettivi ġewwa l-[Unjoni] kollha ladarba jidħlu fis-seħħ fl-Istat Membru fejn ikunu ittieħdu."

*Ir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02*

17 Fil-premessa 25 tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, l-ABE kkonstatat li l-BNB kien kiser id-dritt tal-Unjoni meta naqas milli jikkonstata l-indisponibbiltà tad-depożiti miżmuma mill-KTB skont il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19 u billi ssospenda l-eżekuzzjoni tal-obbligi kollha tal-KTB, bil-konsegwenza li d-depożitanti ġew preklużi milli jaċċedu għad-depożiti ggarantiti permezz tas-sistema prevista minn din id-direttiva.

18 Skont il-premessa 27 ta' din ir-rakkomandazzjoni, minkejja li ebda att espliċitu ma kkonstata l-indisponibbiltà tad-depożiti tal-KTB, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, tali konstatazzjoni kienet inerenti għad-deċiżjoni tal-BNB tal-20 ta' Ġunju 2014 li jqiegħed il-KTB taħt sorveljanza speċjali u li jissospendi l-obbligi tiegħu.

19 Fil-punt 1 tal-imsemmija rakkomandazzjoni, l-ABE talbet lill-BNB u lill-FGVB jieħdu, konformement mal-Artikolu 4(3) TUE, il-miżuri kollha xierqa sabiex jiżguraw l-osservanza tal-obbligi tagħhom taħt il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 10(2) u (3) tad-Direttiva 94/19, inkluż billi jinterpretaw, sa fejn huwa possibbli, id-dritt nazzjonali konformement ma' dawn id-dispożizzjonijiet.

20 Barra minn hekk, fil-punti 2 u 3 tal-istess rakkomandazzjoni, l-ABE talbet lill-BNB jiżgura li, sal-21 ta' Ottubru 2014, id-depożitanti jkollhom aċċess għall-ammonti ggarantiti tad-depożiti tagħhom fil-KTB, jew billi jneħħu jew jillimitaw ir-restrizzjoni ta' aċċess għad-depożiti li jirriżultaw mill-miżuri ta' sorveljanza, jew billi ssir il-konstatazzjoni msemmija fil-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19. Fil-każ li BNB ma jieħu ebda waħda minn dawn il-miżuri fit-terminu indikat, l-ABE talbet lill-FGVB jivverifika l-krediti tad-depożitanti quddiem il-KTB u jħallas lura l-ammonti ggarantiti ta' dawn id-depożiti, skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 94/19, peress li l-miżuri ta' sorveljanza speċjali meħuda fir-rigward tal-KTB permezz tad-deċiżjoni msemmija fil-punt 18 ta' din is-sentenza kienu ekwivalenti għal konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tal-imsemmija depożiti, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19.

*Id-dritt Bulgaru*

*Il-Liġi dwar il-Garanzija għal Depożiti Bankarji*

21 Skont l-Artikolu 1 tagħha, iż-Zakon za garantirane na vlogovete v bankite (il-Liġi dwar il-Garanzija għal Depożiti Bankarji) (DV Nru 49, tad-29 ta' April 1998), li ttrasponiet id-Direttivi 94/19 u 2009/14 fl-ordinament ġuridiku Bulgaru, "tirregola l-istabbiliment, il-missjonijiet u l-attività tal-[FGVB] kif ukoll il-proċedura ta' rimbors tad-depożiti fil-limitu tal-livell iggarantit".

22 Skont l-Artikolu 4(1) u (2) tal-imsemmija liġi:

"1. Il-[FGVB] jiggarantixxi r-rimbors sħiħ tal-ammonti li jikkorrispondu għad-depożiti ta' persuna ma' bank, ikun xi jkun in-numru u l-ammont tagħhom, sa massimu ta' 196 000 [lev Bulgaru (BGN) (madwar EUR 100 000)].

2. L-ammont imsemmi jinkludi wkoll l-interessi dovuti fid-data tad-deċiżjoni adottata mill-[BNB] skont l-Artikolu 23(1)."

23 L-Artikolu 23 tal-istess liġi huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-[FGVB] għandu jirrimborsa d-djun tal-bank ikkonċernat lid-depożitanti tiegħu sal-livelli ggarantiti meta l-[BNB] ikun irrevoka l-liċenzja bankarja tal-bank kummerċjali.

[…]

3. Fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-[BNB] skont il-paragrafu 1, il-kuratur, l-istralċjarju jew it-trustee maħtur għandu jippreżenta lill-Bord tad-Diretturi tal-[FGVB] informazzjoni dwar id-depożiti fil-bank.

[…]

10. Id-depożitanti għandhom, skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, ibatu l-krediti tagħhom li jaqbżu l-ammont irċevut mill-[FGVB] fuq il-patrimonju tal-bank.

[…]"

*Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu*

24 L-Artikolu 36 taż-Zakon za kreditnite institutsii (il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) (DV Nru 59, tal-21 ta' Lulju 2006) jipprevedi:

"[…]

2. Il-[BNB] għandu obbligatorjament jirrevoka l-liċenzja maħruġa lil bank minħabba l-insolvenza tiegħu meta:

1) dan ma jeżegwixxix iżjed, għal iktar minn sebat ijiem ta' xogħol, l-impenn finanzjarju tiegħu li jkun sar dovut, meta dan ikun direttament marbut mas-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan il-bank u l-[BNB] iqis li jkun improbabbli li dan ikun ser iwettaq l-impenji finanzjarji li saru dovuti fi żmien aċċettabbli, jew

2) il-fondi tiegħu jkunu jikkorrispondu għal ammont negattiv.

3. Il-[BNB] għandu jieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol b'effett mill-konstatazzjoni tal-istat ta' insolvenza.

[…]

7. Bit-tħassir tal-liċenzja, l-attività tal-bank tintemm u ssir likwidazzjoni furzata tiegħu.

[…]”

25 L-Artikolu 79(8) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

“Il-[BNB], il-korpi tiegħu u l-persuni inkarigati minnu ma humiex responsabbli għal danni kkawżati fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom ta’ sorveljanza, sakemm ma jkunux aġixxew b’mod intenzjonat.”

26 L-Artikolu 115 tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta’ Kreditu huwa fformulat kif ġej:

“1. Għall-finijiet ta’ riorganizzazzjoni ta’ bank f’riskju ta’ insolvenza, il-[BNB] jista’ jqiegħed lil dan il-bank taħt sorveljanza speċjali.

2. Bank huwa espost għal riskju ta’ insolvenza:

[…]

2) meta l-[BNB] iqis li l-assi likwidi tal-bank ma jkunux biżżejjed sabiex jippermettu lill-bank jeżegwixxi l-impenji tiegħu fil-jum meta dawn ikunu dovuti, jew

3) meta l-bank ma jkunx eżegwixxa fit-terminu meħtieġ wieħed jew iktar mill-impenji li saru dovuti fil-konfront tal-kredituri tiegħu.

[…]”

27 Skont l-Artikolu 116 ta’ din il-liġi:

“1. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 115(1), il-[BNB] iqiegħed lill-bank ikkonċernat taħt sorveljanza speċjali […].

2. Fil-każi msemmija fil-paragrafu 1, il-[BNB] jista’:

1) inaqqas l-interessi fuq l-impenji tal-bank għall-valur medju tagħhom fis-suq;

2) tiġi sospiża totalment jew parzjalment, għal perijodu ddeterminat, l-implimentazzjoni tal-impenji kollha jew ta’ ċerti impenji ta’ dan il-bank;

3) jillimita totalment jew parzjalment l-attività tiegħu;

[…]”

28 L-Artikolu 119(4) u (5) tal-imsemmija liġi jipprovdi:

“4. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 116(2) u għall-perijodu li matulu l-[BNB] jeżerċita din is-setgħa, għandu jitqies li l-bank ma jkunx f’sitwazzjoni ta’ dewmien fl-eżekuzzjoni tal-impenji finanzjarji li l-eżekuzzjoni tagħhom ġiet sospiża.

5. Fil-każijiet imsemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 116(2), il-bank ma jkunx finanzjarjament responsabbli għan-nuqqas ta’ eżekuzzjoni tal-impenji li l-eżekuzzjoni tagħhom kienet ġiet sospiża wara s-sorveljanza speċjali. Matul it-tqegħid taħt sorveljanza speċjali la jkun hemm interessi moratorji u lanqas danni stabbiliti minn qabel minħabba n-nuqqas ta’ eżekuzzjoni

tal-impenji finanzjarji tal-bank li l-eżekuzzjoni tagħhom kienet ġiet sospiża, filwaqt li jkunu dovuti l-interessi konvenzjonali fuq dawn l-impenji, interessi li madankollu jitħallsu wara t-tneħħija tat-tqegħid taħt sorveljanza speċjali."

*Il-Liġi dwar il-Fallimenti Bankarji*

29 Skont l-Artikolu 94(1) taż-Zakon za bankovata nesastoyatelnost (il-Liġi dwar il-Fallimenti Bankarji) (DV Nru 92, tas-27 ta' Settembru 2002):

"Meta jitqassmu l-beni mwettqa, il-pretensjonijiet jitħallsu fl-ordni li ġej:

[…]

4) […] il-pretensjonijiet tad-depożitanti li ma jkunux koperti mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti;

[…]"

*Il-Liġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat u tal-Komuni għad-Danni Kkawżati*

30 Iż-Zakon za otgovornostta na darzhavata i obshtinite za vredi (il-Liġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat u tal-Komuni għad-Danni Kkawżati) (DV Nru 60, tal-5 ta' Awwissu 1988 tipprovdi:

"1. L-Istat u l-komuni huma responsabbli għad-danni subiti minn ċittadini u minn persuni ġuridiċi bħala riżultat ta' azzjonijiet, nuqqas ta' azzjonijiet jew atti illegali tal-korpi u impjegati tagħhom fl-eżerċizzju tal-attività amministrattiva jew fl-okkażjoni tagħha.

2. L-azzjonijiet imressqa taħt il-paragrafu 1 għandhom jiġu eżaminati skont il-proċedura prevista fl-Administrativnoprotsesualen kodeks [(il-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva)] […]."

31 L-Artikolu 4 ta' din il-liġi jipprovdi:

"L-Istat u l-komuni huma obbligati li jikkumpensaw id-danni materjali u morali kollha li huma konsegwenza diretta u immedjata tal-fatt dannuż, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn id-danni ġewx ikkawżati min-nuqqas tal-impjegat."

32 L-Artikolu 8(3) tal-imsemmija liġi jipprevedi:

"Meta liġi jew digriet ikunu stabbilixxew metodu speċifiku ta' kumpens, din il-liġi ma għandhiex tapplika."

*L-APK*

33 Skont l-Artikolu 204(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva (DV Nru 30, tal-11 ta' April 2006, iktar 'il quddiem l-"APK"):

"Rikors [għad-danni] jista' jiġi ppreżentat wara l-annullament tal-att amministrattiv skont il-modalitajiet applikabbli."

**It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

34 Matul is-snin 2008, 2010 u 2011, BT ikkonkludiet mal-KTB tliet kuntratti li jirrigwardaw depożiti f'euro u f'leva Bulgari, taħt kundizzjonijiet preferenzjali. L-ammonti ddepożitati kienu ggarantiti, fl-intier tagħhom, mill-FGVB fl-ammont ta' BGN 196 000 (madwar EUR 100 000).

35 Permezz ta' ittri tal-20 ta' Ġunju 2014, il-KTB informat lill-BNB li hija kienet issospendiet il-pagamenti tagħha lill-klijenti tagħha minħabba nuqqas ta' likwidità kkawżat minn irtirar massiv tad-depożiti li hija kellha. Permezz ta' deċiżjoni tal-istess jum, ikkompletata minn deċiżjoni tat-22 ta' Ġunju 2014, adottati t-tnejn abbażi tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, il-BNB, minħabba riskju ta' insolvenza tal-KTB, poġġieha taħt sorveljanza speċjali għal perijodu ta' tliet xhur, ħatret kuraturi, issospendiet l-eżekuzzjoni tal-impenji kollha tal-KTB u pprojbixxietha milli teżerċita l-attivitajiet kollha koperti mill-awtorizzazzjoni bankarja tagħha. Permezz ta' stqarrija għall-istampa tat-22 ta' Ġunju 2014, il-BNB iddikjara li l-għan ta' dawn id-deċiżjonijiet kien li tiġi ppreżervata l-istabbiltà finanzjarja tal-pajjiż.

36 Kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, id-data tal-20 ta' Ġunju 2014 inżammet mis-Sofiyski apelativen sad (il-Qorti tal-Appell ta' Sofija, il-Bulgarija) bħala dik tal-bidu tal-istat ta' insolvenza tal-KTB, peress li, f'dik id-data, il-fondi proprji tagħha kienu jikkorrispondu għal ammont negattiv, fis-sens tal-punt 2 tal-Artikolu 36(2) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

37 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju 2014, il-BNB, abbażi tal-istess liġi, naqqas, b'effett mill-1 ta' Lulju 2014, ir-rati ta' interessi applikati għad-depożiti fil-KTB, b'mod li jikkorrispondu għar-rata medja tas-suq, u adotta tabella tar-rata ta' interessi standard. Skont din it-tabella, l-interessi fuq id-depożiti ta' BT ġew ikkalkolati bħala interessi konvenzjonali għall-perijodu sas-6 ta' Novembru 2014.

38 Permezz ta' deċiżjoni tal-16 ta' Settembru 2014, il-BNB estenda l-miżuri ta' sorveljanza speċjali sal-20 ta' Novembru 2014, fid-dawl tal-persistenza tal-motivi li inizjalment kienu ġġustifikaw l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-20 u tat-22 ta' Ġunju 2014.

39 Fil-25 ta' Settembru 2014, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-Ministru tal-Finanzi (il-Bulgarija) u lill-BNB abbażi tal-Artikolu 258 TFUE, minħabba t-traspożizzjoni inkorretta tal-punt 3 tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19, kif ukoll minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapital previst fl-Artikolu 63 TFUE. Permezz ta' stqarrija għall-istampa fl-istess jum, il-Kummissjoni għarrfet li hija kienet qiegħda tibda proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Din il-proċedura ngħalqet fl-10 ta' Diċembru 2015.

40 Wara r-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, il-BNB, permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Novembru 2014, irrevoka l-awtorizzazzjoni ta' żieda tal-fondi proprji tal-KTB permezz ta' fondi pprovduti bis-saħħa ta' kuntratt ta' self, minħabba li, peress li l-KTB kienet iffinanzjat lill-persuna li ssellfet, dawn il-fondi kienu pprovduti minnha stess. Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tal-istess jum, il-BNB irrevoka, abbażi tal-punt 2 tal-Artikolu 36(2) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-awtorizzazzjoni bankarja tal-KTB.

41 Bis-saħħa ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar, fl-4 ta' Diċembru 2014, BT ġiet irrimborsata, permezz tal-FGVB, għall-ammont ta' BGN 196 000 (madwar EUR 100 000) kif ukoll interessi konvenzjonali u remuneratorji għall-perijodu mit-30 ta' Ġunju sas-6 ta' Novembru 2014. Il-bqija tal-kreditu, li

jammonta għal BGN 44 070.90 (madwar EUR 22 500), ġie inkluż fil-lista ta' krediti rrikonoxxuti, stabbilita fil-kuntest tal-proċedura ta' falliment, skont l-ordni prevista fil-punt 4 tal-Artikolu 94(1) tal-liġi dwar il-fallimenti bankarji.

42 BT ippreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju, abbażi tal-Artikolu 1(1) tal-Liġi dwar ir-Responsabbiltà tal-Istat u tal-Komuni għad-Danni Kkawżati u tal-Artikolu 204(1) tal-APK, rikors għal kumpens għad-danni kollha li jirriżultaw, direttament u immedjatament, minn azzjonijiet u minn ommissjonijiet tal-BNB imwettqa bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

43 Permezz tal-ewwel kap tat-talbiet, BT qiegħda titlob li l-BNB jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' BGN 8 627.96 (madwar EUR 4 400), li tikkorrispondi għall-interessi legali fuq l-ammont iggarantit tad-depożiti miżmuma mill-KTB għall-perijodu mit-30 ta' Ġunju sal-4 ta' Diċembru 2014. Insostenn ta' din it-talba, BT issostni li l-BNB, bħala awtorità kompetenti, kellu jikkonstata, fit-terminu previst fil-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, li dawn id-depożiti kienu saru indisponibbli, fis-sens tal-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva. In-nuqqas tal-BNB li jipproċedi għal tali konstatazzjoni kellu bħala effett li jdewwem sal-4 ta' Diċembru 2014 il-ħlas lura mill-FGVB tad-depożiti ggarantiti. L-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni, imsemmija fil-punt 39 ta' din is-sentenza, kif ukoll il-premessa 25 tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 jikkonfermaw l-illegalità tan-nuqqas ta' azzjoni tal-BNB.

44 Permezz tat-tieni kap tat-talbiet, BT qiegħda titlob lill-qorti tar-rinviju tikkundanna lill-BNB iħallasha s-somma ta' BGN 44 070.90 (madwar EUR 22 500), li tikkorrispondi għall-ammont li jaqbeż il-limitu massimu tal-ammont iggarantit tad-depożiti. Insostenn ta' din it-talba, BT issostni b'mod partikolari li l-miżuri ta' sorveljanza speċjali meħuda mill-BNB fir-rigward tal-KTB ma kinux iġġustifikati u proporzjonati meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' dan il-bank fl-20 ta' Ġunju 2014. Dawn il-miżuri kisru wkoll l-Artikoli 63 sa 65 TFUE u ma kinux immirati lejn ir-ristrutturazzjoni tal-bank, peress li dan kellu biss bżonn ta' għajnuna fil-likwidità. Sussidjarjament, id-danni msemmija fit-tieni kap tat-talbiet għandhom jiġu kkumpensati abbażi tar-responsabbiltà tal-BNB minħabba nuqqas illegali ta' azzjoni, li tikkonsisti fl-eżerċizzju ta' sorveljanza ineffettiva, li aggravat is-sitwazzjoni tal-KTB u li, barra minn hekk, ġiet ikkonstatata mis-Smetna palata (il-Qorti tal-Awdituri, il-Bulgarija) f'rapport li jikkonċerna l-perijodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2014.

45 Fir-rigward tal-ewwel kap tat-talbiet tar-rikors, il-qorti tar-rinviju tqis li huwa essenzjali li tiġi ddeterminata s-sistema ta' responsabbiltà li hija intiża li tapplika f'dan il-każ. F'dan il-kuntest, hija tistaqsi, b'mod partikolari, jekk id-dritt għal kumpens tad-depożitant, imsemmi fl-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19, ikoprix id-danni kollha li jirriżultaw min-nuqqas ta' ħlas lura tad-depożiti fit-termini stabbiliti, inklużi dawk li jirriżultaw minn sorveljanza ineffettiva fil-konfront tal-istituzzjoni ta' kreditu li żżomm id-depożiti, jew jekk dan il-kunċett jirrigwardax biss id-dritt għall-ħlas lura tal-ammonti ggarantiti tad-depożiti, skont l-Artikolu 7(1a) ta' din id-direttiva.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Administrativen sad Sofia-grad (il-Qorti Amministrattiva tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Mill-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, irrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li qorti nazzjonali hija obbligata tikklassifika *ex officio* rikors bħala rikors għal nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu taħt l-Artikolu 4(3) TUE meta r-rikors ikun jikkonċerna r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istat Membru għal danni kkawżati minn ksur tad-dritt tal-Unjoni allegatament imwettaq minn awtorità ta' Stat Membru, u meta:

– l-Artikolu 4(3) TUE ma jkunx indikat espliċitament bħala l-bażi legali tar-rikors iżda mill-argumenti mressqa fir-rikors jirriżulta li d-danni qegħdin jintalbu minħabba ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

– it-talba għad-danni tkun ibbażata fuq dispożizzjoni nazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal danni li jirriżultaw mill-eżerċizzju tal-awtorità amministrattiva, liema responsabbiltà tiġi stabbilita mingħajr ħtija u f'dawn il-kundizzjonijiet: att illegali, att jew ommissjoni minn awtorità jew uffiċjal pubbliku, imwettqa matul jew fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-awtorità amministrattiva; il-materjalizzazzjoni ta' danni – materjali jew morali; rabta kawżali diretta u immedjata bejn id-danni u l-aġir illegali tal-awtorità;

– skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru, il-qorti hija obbligata tiddetermina *ex officio* l-bażi legali għar-responsabbiltà tal-Istat għall-attivitajiet tal-awtoritajiet għall-protezzjoni ġudizzjarja fid-dawl taċ-ċirkustanzi li fuqhom ikun ibbażat ir-rikors?

2) Mill-premessa 27 tar-Regolament [Nru 1093/2010] jirriżulta li rakkomandazzjoni maħruġa fuq il-bażi tal-Artikolu 17(3) ta' dan ir-regolament, li tikkonstata ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-bank ċentrali ta' Stat Membru fir-rigward tat-terminu għall-ħlas tad-depożiti ggarantiti lid-depożitanti fl-istituzzjoni ta' kreditu rispettiva, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali:

– tagħti lid-depożitanti f'din l-istituzzjoni ta' kreditu d-dritt li, quddiem qorti nazzjonali, jinvokaw din ir-rakkomandazzjoni bħala bażi għal rikors għad-danni kkawżati proprju minn dak il-ksur tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni s-setgħa tal-[ABE] li tikkonstata ksur tad-dritt tal-Unjoni u filwaqt li jitqies li d-depożitanti la huma u lanqas ma jistgħu jkunu d-destinatarji tar-rakkomandazzjoni, li ma toħloq ebda konsegwenza legali diretta għalihom?

– hija valida fid-dawl tar-rekwiżit li d-dispożizzjoni miksura għandha tipprevedi obbligi ċari u inkundizzjonati, meta jitqies li l-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva [94/19], moqri flimkien mat-tnax u mat-tlettax-il premessa ta' din id-direttiva, ma jinkludix l-elementi kollha li huma meħtieġa sabiex ikun hemm obbligu ċar u inkundizzjonat għall-Istati Membri u ma jagħti ebda dritt dirett lid-depożitanti, kif ukoll li din id-direttiva tipprevedi biss livell minimu ta' armonizzazzjoni li ma tinkludix il-punti ta' referenza li fuq il-bażi tagħhom għandhom jiġu identifikati d-depożiti li ma jkunux disponibbli, u li r-rakkomandazzjoni ma kinitx ibbażata fuq obbligi ċari u inkundizzjonati oħra tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward ta' dawn il-punti ta' referenza, jiġifieri, b'mod partikolari, evalwazzjoni tan-nuqqas ta' likwidità u l-assenza ta' prospett attwali ta' ħlas; l-eżistenza ta' obbligu li jiġu ordnati miżuri ta' intervent fi stadju bikri u li titkompla l-attività kummerċjali tal-istituzzjoni ta' kreditu?

– hija valida, fid-dawl tas-suġġett inkwistjoni, jiġifieri l-garanziji għad-depożiti, u fid-dawl tas-setgħa tal-[ABE] li toħroġ, skont l-Artikolu 26(2) tar-Regolament [Nru 1093/2010], rakkomandazzjonijiet dwar l-iskema ta' garanziji għad-depożiti, fir-rigward tal-bank ċentrali nazzjonali, li ma jkollu ebda konnessjoni mal-iskema nazzjonali ta' garanziji għad-depożiti u li ma jkunx awtorità kompetenti fis-sens tal-punt 2(iii) tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament?

3) Mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat 12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C 222/02, EU:C:2004:606, punti 38, 39, 43 u 49 sa 51), tal 5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punti 42 u 51), tal-15 ta' Ġunju 2000, Dorsch Consult vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-237/98 P, EU:C:2000:321, punt 19), u tat 2 ta' Diċembru 1971, Zuckerfabrik Schöppenstedt vs Il-Kunsill (5/71, EU:C:1971:116 punt 11), fid-dawl ukoll tal-pożizzjoni attwali tad-dritt tal-Unjoni rilevanti għall-kawża prinċipali, jirriżulta li:

A) id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [94/19], b'mod partikolari l-Artikolu 7(6) tagħha, jagħtu lid-depożitanti d-dritt li jressqu, kontra Stat Membru, talba għad-danni minħabba superviżjoni inadegwata tal-istituzzjoni ta' kreditu responsabbli għad-depożiti tagħhom u dawn id-drittijiet huma limitati għall-ammont iggarantit tad-depożitu jew il-kunċett ta' "drittijiet għal kumpens" li jinsab fl-imsemmi artikolu għandu jiġi interpretat b'mod wiesa'?

B) il-miżuri ta' superviżjoni intiżi għar-riorganizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu ordnati mill-bank ċentrali ta' Stat Membru, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, inkluża s-sospensjoni ta' ħlasijiet, li huma previsti b'mod partikolari fis-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva [2001/24], jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata fuq id-drittijiet tad-depożitanti bħala proprjetarji li tagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali għal danni minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni, f'sitwazzjoni fejn, skont l-Artikolu 116(5) (tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu) kif ukoll skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 94(1) (tal-Liġi dwar l-Insolvenza tal-Banek), id-dritt Bulgaru jipprevedi li l-interessi kuntrattwali għandhom jiġu kkalkolati għall-perijodu li fihom ikunu fis-seħħ il-miżuri u li t-talbiet li jaqbżu l-ammonti ggarantiti tad-depożiti jistgħu jiġu onorati fil-kuntest tal-proċeduri ġenerali ta' insolvenza, filwaqt li jitħallsu wkoll l-interessi?

C) il-kundizzjonijiet previsti fid-dritt nazzjonali ta' Stat Membru fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali għal danni kkawżati minn att jew ommissjoni fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' superviżjoni, prevista fl-Artikolu 65(1)(b) TFUE, mill-bank ċentrali ta' Stat Membru, ma għandhomx imorru kontra l-kundizzjonijiet u l-prinċipji li jirregolaw din ir-responsabbiltà taħt id-dritt tal-Unjoni, u, b'mod partikolari: il-prinċipju tal-indipendenza tar-rikors għad-danni mir-rikors għal annullament u l-inammissibbiltà rrikonoxxuta ta' kundizzjoni, meħtieġa mid-dritt nazzjonali, li l-ewwel għandhom jiġu kkontestati l-att legali jew l-ommissjoni li jkunu taw lok għat-talba għad-danni; l-inammissibbiltà ta' kundizzjoni, meħtieġa mid-dritt nazzjonali, dwar il-ħtija tal-awtoritajiet jew tal-uffiċjali li l-aġir tagħhom ikun ta lok għat-talba għad-danni; il-kundizzjoni, fir-rigward ta' rikorsi għall-kumpens għad-danni materjali, li r-rikorrent ikun ġarrab, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, dannu attwali u ċert?

D) fid-dawl tal-prinċipju tad-dritt tal-Unjoni tal-indipendenza tar-rikors għad-danni mir-rikors għall-annullament għandha tkun issodisfatta l-kundizzjoni tal-illegalità tal-aġir inkwistjoni tal-awtorità, li hija identika għall-kundizzjoni prevista fid-dritt nazzjonali li jiġu kkontestati l-att legali jew l-ommissjoni, li jkunu taw lok għat-talba għad-danni, f'dan il-każ il-miżuri għar-riorganizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, meta jitqiesu ċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali kif ukoll dawn il-punti:

– li dawn il-miżuri ma humiex indirizzati kontra r-rikorrent, li huwa depożitant f'istituzzjoni ta' kreditu, b'tali mod li skont id-dritt nazzjonali u skont il-ġurisprudenza nazzjonali, ir-rikorrent ma jistax jitlob l-annullament tad-deċiżjonijiet individwali li permezz tagħhom ġew ordnati dawn il-miżuri, u li dawn id-deċiżjonijiet daħlu fis-seħħ?

– li d-dritt tal-Unjoni, f’dan il-każ partikolari d-Direttiva [2001/24], ma jobbligax b’mod espliċitu lill-Istati Membri sabiex jipprevedu l-possibbiltà għall-kredituri kollha li jikkontestaw il-miżuri bil-għan li tiġi stabbilita l-validità ta’ dawn il-miżuri?

– li d-dritt ta’ Stat Membru ma jipprevedix responsabbiltà mhux kuntrattwali għal danni kkawżati minn aġir legali ta’ awtoritajiet jew ta’ uffiċjali?

E) Fil-każ li tingħata interpretazzjoni fis-sens li l-kundizzjoni tal-illegalità tal-aġir inkwistjoni tal-awtoritajiet ma tapplikax fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, għar-rikorsi ppreżentati minn depożitanti f’istituzzjoni ta’ kreditu u intiżi għall-kumpens għad-dannu kkawżat minn att jew ommissjoni tal-bank ċentrali ta’ Stat Membru u b’mod partikolari għall-ħlas tal-interessi fir-rigward tad-depożiti ggarantiti li ma tħallsux fil-ħin kif ukoll għall-ħlas ta’ depożiti li jaqbżu l-ammont iggarantit, invokat bħala kumpens dovut minħabba ksur tal-Artikoli 63 sa 65 u 120 TFUE, tal-Artikolu 3 TUE u tal-Artikolu 17 tal-[Karta] għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali għad-danni:

– li jkunu kkawżati minn aġir legali ta’ awtorità u għalhekk dawn it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi: l-eżistenza ta’ dannu attwali, rabta kawżali bejn dan id-dannu u l-aġir inkwistjoni kif ukoll in-natura eċċezzjonali u partikolari tad-dannu, b’mod partikolari fil-każ ta’ rikors għall-ħlas ta’ interessi minħabba dewmien fil-ħlas tad-depożiti ggarantiti, jew

– fil-qasam tal-politika ekonomika, b’mod partikolari l-kundizzjoni [tista’ tinżamm responsabbli]“biss meta jkun hemm ksur suffiċjentement serju ta’ dispożizzjoni legali ta’ livell ogħla li tipproteġi l-individwi” b’mod partikolari fil-każ ta’ rikorsi ppreżentati minn depożitanti għall-ħlas tad-depożiti li jaqbżu l-ammonti ggarantiti, li jiġu invokati bħala danni u li għalihom tapplika l-proċedura prevista mid-dritt nazzjonali, filwaqt li jitqies il-marġni ta’ diskrezzjoni wiesa’ tal-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 65(1)(b) TFUE u fir-rigward tal-miżuri skont id-Direttiva [2001/24] u filwaqt li jitqies li ċ-ċirkustanti marbuta mal-istituzzjoni ta’ kreditu u mal-individwu li jagħmel talba d-danni jikkonċernaw Stat Membru wieħed biss, għalkemm l-istess dispożizzjonijiet u l-prinċipju kostituzzjonali ta’ ugwaljanza f’għajnejn il-liġi japplikaw għad-depożitanti kollha?

4) Mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 10(1), flimkien mal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 u mal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva [94/19], kif ukoll mill-ġurisprudenza li toħroġ mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta’ Diċembru 2016, Vervloet *et* (C-76/15, EU:C:2016:975, punti 82 sa 84), jirriżulta li l-kamp ta’ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [94/19] jinkludi d-depożitanti:

– li d-depożiti tagħhom, matul il-perijodu bejn is-sospensjoni tal-ħlasijiet mill-istituzzjoni ta’ kreditu u l-irtirar tal-liċenzja tagħha sabiex topera fis-settur bankarju, ma setgħux jitħallsu lura minħabba dispożizzjonijiet kuntrattwali jew legali u li fir-rigward tagħhom id-depożitanti korrispondenti ma indikawx li xtaqu li jitħallsu lura,

– li taw il-kunsens tagħhom għal klawżola li tipprevedi l-ħlas tad-depożiti fl-ammont iggarantit skont proċedura rregolata fid-dritt ta’ Stat Membru, inkluż b’mod partikolari wara l-irtirar tal-liċenzja tal-istituzzjoni ta’ kreditu li tkun qiegħda tamministra d-depożiti, u din il-kundizzjoni tkun issodisfatta, kif ukoll

– meta, skont id-dritt tal-Istat Membru, il-klawżola msemmija prevista fil-kuntratt tad-depożitu jkollha saħħa vinkolanti bejn il-partijiet tal-kuntratt?

Mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, jew minn xi dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li l-qorti nazzjonali ma għandhiex tieħu inkunsiderazzjoni tali klawżola prevista fil-kuntratt tad-depożitu u għandha teżamina r-rikors ippreżentat minn depożitant intiż għall-ħlas ta' interessi minħabba dewmien fil-ħlas tad-depożiti fl-ammont iggarantit skont dan il-kuntratt fid-dawl tal-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali għad-danni kkawżati minn ksur tad-dritt tal-Unjoni u fuq il-bażi legali tal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

47 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Settembru 2018, din il-kawża ġiet sospiża sal-għoti tas-sentenza fil-Kawża C-571/16. Wara l-għoti tas-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807), il-Qorti tal-Ġustizzja staqsiet lill-qorti tar-rinviju dwar jekk kellhiex l-intenzjoni li żżomm din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

48 Permezz ta' digriet tad-9 ta' Novembru 2018, il-qorti tar-rinviju informat lill-Qorti tal-Ġustizzja li hija kienet ser iżżomm it-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, peress li s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807), ma kinitx, fl-opinjoni tagħha, irrispondiet għad-domandi kollha mqajma f'din il-kawża.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq il-punt (a) tat-tielet domanda*

49 Permezz tal-punt (a) tat-tielet domanda tagħha, li għandu jiġi eżaminat fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19 għandux jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal kumpens tad-depożitant li huwa jipprevedi jkopri biss il-ħlas lura, mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti, tad-depożiti indisponibbli ta' dan id-depożitant, sal-ammont stabbilit fl-Artikolu 7(1a) ta' din id-direttiva, jew jekk l-Artikolu 7(6) tagħha joħloqx ukoll, għall-benefiċċju tal-imsemmi depożitant, dritt għal kumpens għad-dannu kkawżat mill-ħlas lura tardiv tal-ammont iggarantit tad-depożiti kollha tiegħu jew minn sorveljanza ineffettiva min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-istituzzjoni ta' kreditu li d-depożiti tagħha saru indisponibbli.

50 Għandu jiġi kkonstatat qabel kollox li l-kliem tal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19, li jimponi fuq l-Istati Membri li jiżguraw li "d-drittijiet tad-depożitanti għal kumpens" ikun jista' jiġi kkontestat minnu kontra l-iskema ta' garanzija tad-depożiti, ma jippermettix, waħdu, li tingħata risposta għad-domanda tal-qorti tar-rinviju, b'tali mod li jkun neċessarju li jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest ta' din id-dispożizzjoni kif ukoll l-għanijiet imfittxija mill-imsemmija direttiva.

51 Id-direttiva 94/19 hija intiża li tistabbilixxi fl-Unjoni protezzjoni tad-depożitanti fil-każ ta' indisponibbiltà tad-depożiti f'istituzzjoni ta' kreditu li tagħmel parti minn skema ta' garanzija għal depożiti (sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et*, C-222/02, EU:C:2004:606, punt 26). Fl-istess ħin, hija għandha l-għan li tiżgura l-istabbiltà tas-sistema bankarja, billi tevita l-fenomeni tal-irtirar massiv tad-depożiti mhux biss ta' istituzzjoni ta' kreditu f'diffikultà, iżda

wkoll ta' istituzzjonijiet b'saħħithom wara telf ta' fiduċja tal-pubbliku fis-solidità ta' din is-sistema (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, kif jirriżulta b'mod partikolari mit-tmien premessa tagħha, id-Direttiva 94/19 twettaq biss armonizzazzjoni minima fil-qasam tal-garanzija tad-depożiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Vervloet *et*, C-76/15, EU:C:2016:975, punt 82).

52 F'dan il-kuntest, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/19 jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment u r-rikonoxximent uffiċjali fit-territorju tagħhom ta' skema waħda jew iktar ta' garanzija tad-depożiti u jipprevedi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jkunu ħarġu l-awtorizzazzjoni lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jiżguraw, b'kooperazzjoni mal-iskema ta' garanzija tad-depożiti, li l-imsemmija istituzzjonijiet ta' kreditu jissodisfaw l-obbligi tagħhom bħala membri ta' din l-iskema. Għandu jiġi żgurat lid-depożitanti li l-istituzzjoni ta' kreditu li fiha huma jwettqu d-depożiti tagħhom tappartjeni għal skema ta' garanzija għal depożiti, b'tali mod li jiġi ssalvagwardat id-dritt tagħhom li jiġu kkumpensati f'każ ta' indisponibbiltà ta' dawn id-depożiti, skont ir-regoli previsti b'mod partikolari fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et*, C-222/02, EU:C:2004:606, punti 27 sa 29).

53 F'tali każ, skont l-Artikolu 7(1a) tad-Direttiva 94/19, l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti għandhom jiżguraw livell minimu ta' kopertura, ta' EUR 100 000 għal kull depożitant, sakemm id-depożiti inkwistjoni la jkunu esklużi mill-garanzija, skont l-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, la esklużi jew iggarantiti b'mod iktar baxx fl-Istat Membru kkonċernat, konformement mal-Artikolu 7(2) tal-imsemmija direttiva.

54 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19, l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti għandhom ikunu f'pożizzjoni li jħallsu l-krediti debitament ivverifikati tad-depożitanti, relatati ma' depożiti mhux disponibbli, f'terminu ta' għoxrin jum ta' xogħol mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti jkunu kkonstataw l-indisponibbiltà msemmija fil-punt 3 tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva.

55 Mill-għanijiet segwiti mid-Direttiva 94/19 u mill-kuntest tal-Artikolu 7(6) tagħha jirriżulta li d-"dritt għal kumpens" previst f'din id-dispożizzjoni, li l-ammont tiegħu huwa stabbilit fl-Artikolu 7(1a) u l-modalitajiet speċifikati fl-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva, jirrigwarda biss il-ħlas lura, mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti, tal-krediti debitament ivverifikati tad-depożitanti, meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu kkonstataw, konformement mal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, l-indisponibbiltà tad-depożiti miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

56 Din l-interpretazzjoni stretta tal-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19 hija kkorroborata mill-erbgħa u għoxrin premessa tagħha, li tippreċiża li din id-direttiva ma jistax ikollha l-effett li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-Istati Membri jew tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward tad-depożitanti, peress li huma żguraw l-istabbiliment jew ir-rikonoxximent uffiċjali ta' skema waħda jew iktar li jiggarantixxu d-depożiti jew l-istituzzjonijiet ta' kreditu stess u jiżguraw il-kumpens jew il-protezzjoni tad-depożitanti fil-kundizzjonijiet iddefiniti mill-imsemmija direttiva.

57 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ottubru 2004, Paul *et* (C-222/02, EU:C:2004:606, punti 50 u 51), li, peress li huwa żgurat il-kumpens tad-depożitanti fil-każ ta' indisponibbiltà tad-depożiti tagħhom, previst mid-Direttiva 94/19, din

ma tagħtix lid-depożitanti drittijiet li jistgħu jagħtu lok għar-responsabbiltà tal-Istat abbażi tad-dritt tal-Unjoni fil-każ ta' indisponibbiltà tad-depożiti tagħhom ikkawżata minn sorveljanza ineffettiva min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

58 Il-fatt, irrilevat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li l-istituzzjoni ta' kreditu inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza ċċitata fil-punt preċedenti ma pparteċipatx fl-iskema ta' garanzija tad-depożiti, kuntrarjament għall-istabbiliment ta' kreditu inkwistjoni f'din il-kawża, ma jistax jiġġustifika evalwazzjoni differenti.

59 Barra minn hekk, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat, ma jistax jiġi eskluż li l-effettività prattika tal-garanzija tad-depożiti imposta mid-Direttiva 94/19 tkun kompromessa jekk riskji li ma humiex marbuta direttament mal-għan ta' din l-iskema, bħal dawk marbuta ma' sorveljanza ineffettiva tal-istabbilimenti ta' kreditu min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti, kienu koperti mill-iskemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti. Fil-fatt, iktar ma jkunu għoljin ir-riskji li għandhom jiġu ggarantiti, iktar ma jkunu mifruxa l-garanzija tad-depożiti u inqas l-iskema ta' garanzija tad-depożiti tista', b'mod ugwali, tikkontribwixxi għat-twettiq tal-għan doppju mfittex minn din id-direttiva, kif imfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Vervloet *et*, C-76/15, EU:C:2016:975, punt 84).

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-punt (a) tat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19 għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal kumpens tad-depożitant li huwa jipprevedi jkopri biss il-ħlas lura, mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti, tad-depożiti mhux disponibbli ta' dan id-depożitant, sal-ammont stabbilit fl-Artikolu 7(1a) ta' din id-direttiva, wara l-konstatazzjoni tal-indisponibbiltà, mill-awtorità nazzjonali kompetenti, tad-depożiti miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, skont il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva, b'tali mod li l-Artikolu 7(6) tal-istess direttiva ma jistax jifforma l-bażi, għall-benefiċċju tal-imsemmi depożitant, ta' dritt għal kumpens għad-dannu kkawżat mill-ħlas lura tardiv tal-ammont iggarantit tad-depożiti kollha tiegħu jew minn sorveljanza ineffettiva mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-istituzzjoni ta' kreditu li d-depożiti fiha saru indisponibbli.

### *Fuq ir-raba' domanda*

61 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda tfittex, essenzjalment, li ssir taf jekk id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1, tal-Artikolu 7(6) u tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħhom depożitu ma' istituzzjoni ta' kreditu li l-ħlasijiet tagħha jkunu ġew sospiżi jsir eżiġibbli biss wara r-revoka, mill-awtorità kompetenti, tal-awtorizzazzjoni bankarja maħruġa lil dan l-istabbiliment u bil-kundizzjoni li d-depożitant ikun talab espressament il-ħlas lura ta' dan id-depożitu. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dawn id-dispożizzjonijiet jew dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni jimponulhiex li twarrab din il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew din il-klawżola kuntrattwali, sabiex tiddeċiedi rikors għall-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat mill-ħlas lura tal-ammont iggarantit ta' tali depożitu wara t-terminu previst minn din id-direttiva.

62 Għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, skont il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, il-kunċett ta' "depożiti mhux disponibbli", fis-sens ta' din id-direttiva, jirreferi għal "depożitu li huwa dovut u pagabbli imma li ma kienx ġie mħallas mill-istituzzjoni ta' kreditu permezz tal-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli dwarhom", meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu kkonstataw, sa mhux iktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara li jkunu stabbilixxew għall-ewwel darba li

l-imsemmija istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx ħallset lura d-depożiti dovuti u pagabbli, li, għal raġunijiet marbutin direttament mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, "l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata tkun tidher li ma tkunx tista' […] li jitħallas lura d-depożitu u li ma jkollha l-ebda prospett attwali li jkun jista jsir dan".

63 Kif jirriżulta espressament mill-kliem tal-ewwel subparagrafu tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, il-kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti sabiex tiġi kkonstatata l-indisponibbiltà ta' depożitu dovut u pagabbli hija li, skont il-perspettiva tal-awtorità kompetenti, għall-mument u għar-raġunijiet marbuta direttament mas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, istituzzjoni ta' kreditu ma tidhirx li hija f'pożizzjoni li tkun tista' tħallas lura d-depożiti u li ma jkunx hemm perspettiva qrib li hija tkun tista' tagħmel dan (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807 punt 49). Barra minn hekk, it-terminu massimu ta' ħamest ijiem mogħti lill-awtorità kompetenti sabiex twettaq l-obbligu inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż li tipproċedi għal tali konstatazzjoni huwa, skont il-kliem stess tat-tieni subparagrafu tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, terminu imperattiv, mingħajr ma tkun prevista deroga minnha għal ebda dispożizzjoni oħra tal-imsemmija direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 60 u 100). Għalhekk, mill-formulazzjoni tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19 jirriżulta li dan jistabbilixxi obbligu inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż li jagħti drittijiet lill-individwi u li għalhekk jipprevedi regola ta' effett dirett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 98 sa 104).

64 Fit-tieni lok, fl-iskema tad-Direttiva 94/19, minn naħa, il-konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tad-depożiti ta' istituzzjoni ta' kreditu, li tagħti bidu għall-proċedura li twassal għall-intervent tal-iskemi nazzjonali ta' garanzija għal depożiti, tiddetermina l-ħlas lura tal-ammont iggarantit ta' dawn id-depożiti minn dawn l-iskemi, konformement mal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva. Min-naħa l-oħra, din il-konstatazzjoni hija, skont l-Artikolu 10(1) tagħha, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu li fih għandu jsir dan il-ħlas lura, jiġifieri għoxrin jum ta' xogħol (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 72).

65 Peress li din il-konstatazzjoni hija marbuta mas-sitwazzjoni finanzjarja oġġettiva tal-istituzzjoni ta' kreditu u li tirrigwarda b'mod ġenerali d-depożiti kollha miżmuma minn din l-istituzzjoni u mhux fuq kull wieħed mid-depożiti li hija żżomm, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-imsemmija istituzzjoni ta' kreditu ma ħallsitx lura ċerti depożiti u li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19 huma ssodisfatti sabiex tiġi kkonstatata l-indisponibbiltà tad-depożiti kollha miżmuma minn din l-istess istituzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 82), inklużi dawk li, fid-data ta' din il-konstatazzjoni, ma kinux dovuti u pagabbli, konformement mal-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli, u li għalhekk ma hijiex l-istituzzjoni ta' kreditu li għandha tħallas lura.

66 Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, anki jekk depożitu mhux dovut jew pagabbli, skont il-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli għalih, ma jistax jittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtorità kompetenti sabiex tiġi ddeterminata l-indisponibbiltà tad-depożiti, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, tali depożitu għandu, min-naħa l-oħra, jiġi kklassifikat bħala depożitu restitwibbli, skont l-istess dispożizzjoni, mill-mument li fih l-awtorità kompetenti tkun ikkonstatat l-indisponibbiltà tad-depożiti miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

67 Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għan doppju mfittex mid-Direttiva 94/19, kif imfakkar fil-punt 51 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 58 tal-konklużjonijiet tiegħu, jekk id-depożiti mhux dovuti u pagabbli, fil-mument li fih l-awtorità kompetenti tikkonstata, skont il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, l-indisponibbiltà ta' ċerti depożiti miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu, ma kinux koperti mill-garanzija tad-depożiti prevista minn din id-direttiva, id-depożitanti kkonċernati jirriskjaw li ma jkunux jistgħu jirkupraw id-depożiti tagħhom u l-istabbiltà tas-sistema bankarja titpoġġa taħt it-test minħabba t-telf ta' fiduċja tal-pubbliku fil-garanzija tad-depożiti tagħhom.

68 F'dawn il-kundizzjonijiet, ma jistax jiġi dedott mill-fatt li skema ta' garanzija tad-depożiti ħallset lura lil depożitant ammonti li jikkorrispondu għal depożiti li għadhom ma skadewx u pagabbli, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, li din l-iskema dderogat mill-obbligu previst fl-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva.

69 Minn dan isegwi li l-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, moqri flimkien mal-Artikolu 7(6) u mal-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-detentur ta' depożitu li la huwa dovut u lanqas pagabbli, skont il-kundizzjonijiet legali u kuntrattwali applikabbli għalih, jista' jinvoka d-dritt tiegħu għall-ħlas lura tal-ammont iggarantit relatat ma' dan id-depożitu ladarba l-awtorità kompetenti tkun ikkonstatat l-indisponibbiltà tad-depożiti miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata.

70 Fit-tielet lok, peress li huwa esklużivament iddeterminat mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, imfakkra fil-punt 62 ta' din is-sentenza, il-konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tad-depożiti miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu la tista' tiddependi mir-revoka tal-liċenzja bankarja tal-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, u lanqas ma tista' tkun suġġetta għall-kundizzjoni li d-detentur ta' dan id-depożitu jkun diġà ressaq, quddiem l-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, talba għall-irtirar tiegħu li baqgħet mingħajr suċċess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 69 u 87 kif ukoll il-punti 1 u 3 tad-dispożittiv). Dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 94/19 għandhom għalhekk jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi tali rekwiżiti jew li tawtorizza klawżoli kuntrattwali li jippreveduhom.

71 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat, jew meta dan ikun naqas milli jittrasponi d-direttiva fid-dritt nazzjonali fit-termini previsti jew meta jkun għamel traspożizzjoni inkorretta tagħha. Id-dispożizzjonijiet inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi ta' direttiva jistgħu jiġu invokati mill-individwi mhux biss kontra Stat Membru u l-korpi kollha tal-amministrazzjoni tiegħu, iżda wkoll kontra korpi jew entitajiet li jiddistingwu ruħhom minn individwi u li għandhom jiġu assimilati mal-Istat, kemm għaliex huma persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku li jagħmlu parti mill-Istat fis-sens wiesa', kif ukoll għaliex huma suġġetti għall-awtorità jew għall-kontroll ta' awtorità pubblika, jew għaliex huma ġew inkarigati, minn tali awtorità, u li jeżerċitaw missjoni ta' interess pubbliku u ġew dotati, għal dan l-effett, b'setgħat eżorbitanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Ottubru 2017, Farrell, C-413/15, EU:C:2017:745, punti 32 sa 34, kif ukoll tat-22 ta' Marzu 2018, Anisimovienė *et*, C-688/15 u C-109/16, EU:C:2018:209, punt 109).

72 Barra minn hekk, kull qorti nazzjonali, adita fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, għandha l-obbligu li tħalli mhux applikata, fuq awtorità tagħha stess, kull dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha effett dirett fil-kawża li għandha quddiemha,

mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra. (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Garda Síochána, C-378/17, EU:C:2018:979, punt 35, kif ukoll tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema), C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punti 160 u 161 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

73 Għaldaqstant, peress li, kif tfakkar fil-punt 63 ta' din is-sentenza, il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19 għandu effett dirett, qorti nazzjonali adita b'rikors ippreżentat mill-detentur ta' depożitu li jkun sar indisponibbli, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-għan li jingħata kumpens għad-dannu kkawżat mill-ħlas lura tardiva tal-ammont iggarantit ta' dan id-depożitu, għandha, skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, twarrab dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tissuġġetta l-ħlas lura ta' dan l-ammont għall-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 70 ta' din is-sentenza.

74 Fil-kuntest ta' tali rikors, il-qorti nazzjonali lanqas ma tista' tieħu inkunsiderazzjoni klawżola kuntrattwali li sempliċement tirrifletti dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19. Kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 69 tal-konklużjonijiet tiegħu, peress li din il-klawżola kuntrattwali tirriproduċi l-kontenut ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, il-qorti nazzjonali għandha testendi għal din il-klawżola l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-inkompatibbiltà ta' din id-dispożizzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

75 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li d-dispożizzjonijiet magħquda tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1, tal-Artikolu 7(6) u tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew klawżola kuntrattwali li permezz tagħha depożitu ma' istituzzjoni ta' kreditu li l-ħlasijiet tiegħu jkunu ġew sospiżi jsir pagabbli biss wara r-revoka, mill-awtorità kompetenti, tal-awtorizzazzjoni bankarja maħruġa lil din l-istituzzjoni u bil-kundizzjoni li d-depożitant ikun talab espressament il-ħlas lura ta' dan id-depożitu. Skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, kull qorti nazzjonali adita b'rikors għal kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat mill-ħlas lura tal-ammont iggarantit ta' tali depożitu lil hinn mit-terminu previst fl-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva hija obbligata twarrab din il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew din il-klawżola kuntrattwali, sabiex tiddeċiedi dan ir-rikors.

### *Dwar it-tieni domanda*

76 Permezz tal-ewwel parti tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tfittex, essenzjalment, li tkun taf jekk l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 1093/2010, moqri fid-dawl tal-premessa 27 tiegħu, għandux jiġi interpretat fis-sens li rakkomandazzjoni tal-ABE, adottata abbażi ta' din id-dispożizzjoni u li tikkonstata ksur tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, bħar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, tistax tiġi invokata minn depożitant insostenn ta' rikors għad-danni kkawżati biss mill-imsemmi ksur tad-dritt tal-Unjoni, minkejja li tali depożitant ma jkunx id-destinatarju ta' din ir-rakkomandazzjoni.

77 Permezz tat-tieni parti ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk ir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 hijiex valida, sa fejn, minn naħa, hija tikkonstata ksur ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li, skont dik il-qorti, ma tiddefinixxix obbligu ċar u inkundizzjonat, fis-sens tal-premessa 27 ta' dan ir-regolament, u, min-naħa l-oħra, hija indirizzata

lill-BNB li, dejjem skont il-qorti tar-rinviju, ma għandux rabta mal-iskema nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti u ma huwiex awtorità kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 4(2)(iii) tar-Regolament Nru 1093/2010.

### *Fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 1093/2010*

78 L-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1093/2010 jipprevedi, fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tiegħu, li l-ABE tista', mhux iktar tard minn xahrejn wara l-ftuħ tal-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiegħu, tibgħat lill-awtorità kompetenti kkonċernata rakkomandazzjoni li tistabbilixxi l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tikkonforma ruħha mad-dritt tal-Unjoni. Tali rakkomandazzjoni tinħareġ wara investigazzjoni miftuħa mill-ABE fil-każ fejn l-awtoritajiet nazzjonali jiġu kkritikati, fil-prattiki ta' sorveljanza tagħhom, allegata nuqqas ta' applikazzjoni jew applikazzjoni żbaljata jew insuffiċjenti tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-atti msemmija fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament, fosthom id-Direttiva 94/19.

79 Kif fakkar l-Avukat Ġenerali fil-punt 76 tal-konklużjonijiet tiegħu, rakkomandazzjoni tal-ABE bbażata fuq l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 1093/2010 taqa' taħt il-kategorija ta' atti tal-Unjoni prevista fil-ħames paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, peress li din l-aħħar dispożizzjoni tagħti lill-istituzzjonijiet awtorizzati jadottaw tali atti b'setgħa ta' inċentiv u ta' persważjoni, distinta mis-setgħa li jadottaw atti li għandhom saħħa vinkolanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 26).

80 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, anki jekk ir-rakkomandazzjonijiet ma humiex intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti, il-qrati nazzjonali huma obbligati li jeħduhom inkunsiderazzjoni sabiex isolvu l-kawżi mressqa quddiemhom, b'mod partikolari meta jkollhom l-għan li jikkompletaw dispożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jkollhom natura vinkolanti.(ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi, C-322/88, EU:C:1989:646, punt 18; tal-11 ta' Settembru 2003, Altair Chimica, C-207/01, EU:C:2003:451, punt 41, kif ukoll tat-15 ta' Settembru 2016, Koninklijke KPN *et*, C-28/15, EU:C:2016:692, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel parti tat-tieni domanda preliminari għandha tkun li l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Nru 1093/2010, moqri fid-dawl tal-premessa 27 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni rakkomandazzjoni tal-ABE adottata abbażi ta' din id-dispożizzjoni, bil-għan li taqta' t-tilwima mressqa quddiemha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' rikors intiż li jistabbilixxi r-responsabbiltà ta' Stat Membru għal danni kkawżati lil individwu minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni jew l-applikazzjoni żbaljata jew l-applikazzjoni insuffiċjenti tad-dritt tal-Unjoni fl-oriġini tal-proċedura ta' investigazzjoni li tkun wasslet għall-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni. L-individwi leżi mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni kkonstatat minn tali rakkomandazzjoni, anki jekk ma jkunux id-destinatarji tagħha, għandhom ikunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq din ir-rakkomandazzjoni sabiex tiġi kkonstatata, quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti, ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat minħabba l-imsemmi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

### *Fuq il-validità tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02*

82 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm l-Artikolu 263 TFUE jeskludi l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-atti li għandhom in-natura ta' rakkomandazzjoni fil-kuntest ta' rikors għal annullament, mill-Artikolu 19(3)(b) TUE u mill-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-validità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, mingħajr ebda eċċezzjoni. (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1989, Grimaldi, C-322/88, EU:C:1989:646, punt 8; tat-13 ta' Ġunju 2017, Florescu *et*, C-258/14, EU:C:2017:448, punt 71; tal-20 ta' Frar 2018, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-16/16 P, EU:C:2018:79, punt 44; kif ukoll tal-14 ta' Mejju 2019, M *et* (Revoka tal-istatus ta' refuġjat), C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

83 Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi, b'mod preliminari, dwar il-validità tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, li permezz tagħha l-ABE talbet lill-BNB u lill-FGVB jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva 94/19, b'mod partikolari sabiex itemmu l-ksur tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tagħha.

84 Skont il-qorti tar-rinviju, peress li, kuntrarjament għall-premessa 27 tar-Regolament Nru 1093/2010, din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxix obbligi ċari u inkundizzjonati għall-Istati Membri lanqas toħloq direttament drittijiet għad-depożitanti, ma jistax jitqies, fir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, li l-imsemmija dispożizzjoni kienet ġiet miksura.

85 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li d-Direttiva 94/19 tinsab fost l-atti tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1093/2010 u li, għaldaqstant, konformement mal-Artikolu 17(1) u mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament, l-ABE tista' tinvestiga l-allegat nuqqas ta' applikazzjoni jew l-applikazzjoni inkorretta jew insuffiċjenti tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva minn awtorità kompetenti.

86 Barra minn hekk, kif ġie kkonstatat fil-punt 63 ta' din is-sentenza, il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, minbarra li għandu effett dirett u jikkostitwixxi regola tad-dritt intiża sabiex tagħti drittijiet li jippermettu lid-depożitanti jippreżentaw rikors għall-kumpens għad-dannu kkawżat mir-rimbors tardiv tad-depożiti tagħhom, bi ksur ta' din id-dispożizzjoni, jimponi obbligu inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż fuq l-awtorità kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 4(2)(iii) tar-Regolament Nru 1093/2010.

87 F'dawn iċ-ċirkustanzi, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 116 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-dubji tal-qorti tar-rinviju dwar il-validità tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, sa fejn il-punt 3(i) tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 94/19 ma jistabbilixxix obbligi ċari u inkundizzjonati, ma humiex fondati.

88 Għandu jingħad ukoll li l-premessa 27 tar-Regolament Nru 1093/2010, sa fejn tindika li l-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament "għandu japplika f'oqsma fejn il-liġi tal-Unjoni tiddefinixxi obbligi ċari u inkondizzjonat", ma tistax tinftiehem bħala li tissuġġetta l-adozzjoni ta' rakkomandazzjoni abbażi tal-Artikolu 17(3) tal-imsemmi regolament għall-kundizzjoni li din ir-rakkomandazzjoni tirrigwarda neċessarjament regola tad-dritt tal-Unjoni li tiddefinixxi obbligi ċari u inkundizzjonati.

89 Fil-fatt, huwa biss l-Artikolu 17(6) tar-Regolament Nru 1093/2010, bħalma tistipula l-premessa 29 ta' dan ir-regolament, li jissuġġetta l-adozzjoni, mill-ABE, ta' deċiżjoni individwali fir-rigward ta' istituzzjoni finanzjarja għall-kundizzjoni li din id-deċiżjoni tkun ibbażata fuq dispożizzjoni li tinsab f'att imsemmi fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament li tkun "tkun tapplika direttament għall-istituzzjonijiet finanzjarji". Min-naħa l-oħra, tali kundizzjoni la hija riprodotta fl-Artikolu 17(1) u (2) tal-imsemmi regolament, li jikkonċerna l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni, u lanqas fl-Artikolu 17(3) tal-istess regolament, li jirrigwarda l-ħruġ, mill-ABE, ta' rakkomandazzjoni. Għalhekk, il-limitazzjoni tal-eżerċizzju tal-kompetenzi li l-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Nru 1093/2010 jagħti lill-ABE biss għall-każijiet li jqiegħdu inkwistjoni dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ċari u inkundizzjonati twassal sabiex tiġi stabbilita kundizzjoni addizzjonali mhux prevista minn dawn l-aħħar dispożizzjonijiet.

90 Issa, għalkemm il-preambolu ta' att tal-Unjoni jista' jippreċiża l-kontenut tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-att u jipprovdi elementi ta' interpretazzjoni li huma ta' natura li jiċċaraw ir-rieda tal-awtur tal-imsemmi att, huwa madankollu ma għandux valur legali vinkolanti u ma jistax jiġi invokat sabiex issir deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas sabiex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati f'sens kuntrarju għall-formulazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Puppinck *et* vs Il-Kummissjoni, C-418/18 P, EU:C:2019:1113, punti 75 u 76 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

91 Id-dubji tal-qorti tar-rinviju fir-rigward tal-validità tar-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 jirrigwardaw, barra minn hekk, il-fatt li din ġiet indirizzata lill-FGVB u lill-BNB, filwaqt li, skont din il-qorti, fid-data ta' din ir-rakkomandazzjoni, il-BNB ma kellux rabta mal-iskema nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti u ma kienx awtorità kompetenti, fis-sens tal-punt 2(iii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1093/2010.

92 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-kunċett ta' "awtoritajiet kompetenti", fis-sens ta' dan ir-regolament, jindika, "f'dak li jirrigwarda l-iskemi ta' garanzija ta' depożitu, il-korpi li jamministraw skemi ta' garanzija ta' depożitu skont id-Direttiva [94/19], jew fil-każ fejn l-operat tal-iskema ta' garanzija tad-depożitu hija amministrata minn kumpanija privata, l-awtorità pubblika li tissorvelja dawk l-iskemi skont dik id-Direttiva".

93 Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjoni għandha tinqara flimkien mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/19, li jimponi fuq kull Stat Membru li jiżgura l-istabbiliment u r-rikonoxximent uffiċjali fit-territorju tiegħu ta' skema waħda jew iktar ta' garanzija tad-depożiti, kif ukoll mal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, li jħalli marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex jaħtru l-awtorità kompetenti sabiex tikkonstata l-indisponibbiltà tad-depożiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 99).

94 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 107 tal-konklużjonijiet tiegħu, fil-kuntest tal-kawża li wasslet għas-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev (C-571/16, EU:C:2018:807), ġie stabbilit li l-BNB kien l-awtorità kompetenti sabiex tikkonstata l-indisponibbiltà tad-depożiti konformement mal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19.

95 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni Bulgara applikabbli fis-17 ta' Ottubru 2014, data li fiha l-ABE indirizzat ir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 lill-BNB, jekk din tal-aħħar kinitx l-organu inkarigat mill-ġestjoni jew, skont il-każ, mis-sorveljanza tal-iskema nazzjonali ta' garanzija tad-depożiti konformement mad-Direttiva 94/19 u, b'mod partikolari, jekk kinitx l-awtorità kompetenti sabiex tikkonstata l-indisponibbiltà tad-depożiti skont il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 ta' din id-direttiva.

96 Għal dan il-għan, hija għandha tivverifika, b'mod partikolari, jekk huwiex possibbli li tinterpreta b'mod konformi ma' din id-dispożizzjoni l-Artikolu 36 tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, li jagħti lill-BNB kompetenza sabiex jirrevoka obbligatorjament l-awtorizzazzjoni mogħtija lil bank meta dan ma jeżegwixxix iktar, għal iktar minn sebat ijiem tax-xogħol, l-impenji finanzjarji li saru pagabbli, fil-każ fejn dan in-nuqqas ta' eżekuzzjoni jkun direttament marbut mas-sitwazzjoni finanzjarja ta' dan il-bank u fejn il-BNB iqis improbabbli li dan ser jeżegwixxi dawn l-impenji finanzjarji f'terminu aċċettabbli, din id-deċiżjoni ta' revoka li għandha tittieħed f'terminu ta' ħamest ijiem ta' xogħol b'effett minn tali konstatazzjoni.

97 Fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tad-depożiti, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, jista' jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni u jippermetti l-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal ksur tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 115).

98 Huwa minnu li, fir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02, l-ABE kkunsidrat li, fl-assenza ta' att espliċitu li jikkonstata l-indisponibbiltà tad-depożiti tal-KTB, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, id-deċiżjoni meħuda mill-BNB li jqiegħed il-KTB taħt sorveljanza speċjali u li jissospendi l-obbligi tiegħu kienet simili għal tali konstatazzjoni.

99 Madankollu, kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, l-indisponibbiltà tad-depożiti għandha tiġi kkonstatata permezz ta' att espliċitu tal-awtorità nazzjonali kompetenti u ma tistax tiġi dedotta minn atti oħra tal-awtoritajiet nazzjonali, bħat-tqegħid taħt sorveljanza speċjali ta' bank li d-depożiti tiegħu jkunu saru indisponibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 73 u 77).

100 Minn dan isegwi li l-qorti tar-rinviju ma tistax, sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali, tibbaża ruħha fuq il-premessa, kuntrarja għall-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja, li d-deċiżjoni tal-BNB li jqiegħed il-KTB taħt sorveljanza speċjali u li jissospendi l-obbligi tiegħu tista' tiġi assimilata ma' konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tad-depożiti tal-KTB.

101 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni parti tat-tieni domanda għandha tkun li r-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 hija invalida, sa fejn hija assimilat id-deċiżjoni tal-BNB li jqiegħed il-KTB taħt sorveljanza speċjali u li jissospendi l-obbligi tiegħu għal konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tad-depożiti, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19.

*Fuq il-punt (b) tat-tielet domanda*

102 Permezz tal-punt (b) tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, essenzjalment, jekk is-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24, moqri fid-dawl tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li miżura ta' sospensjoni tal-pagamenti, bħala miżura ta' sorveljanza applikata minn bank ċentrali nazzjonali bil-għan tar-ristrutturazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu, tikkostitwixxix indħil inġustifikat u sproporzjonat fid-dritt għall-proprjetà tad-depożitanti ma' din l-istituzzjoni ta' kreditu, li jista' jkun il-bażi ta' dritt għal kumpens għad-danni kkawżati minn tali ksur tad-dritt tal-Unjoni għal dawn id-depożitanti, anki jekk l-interessi konvenzjonali ġew applikati għall-perijodu msemmi għal din il-miżura u d-depożiti li jaqbżu l-ammont iggarantit jistgħu jiġu rekuperati, bl-interessi, fil-kuntest ta' proċedura ġenerali ta' falliment prevista mid-dritt nazzjonali.

103 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2001/24, kif jirriżulta mill-premessa 6 tagħha, tistabbilixxi sistema ta' rikonoxximent reċiproku tal-miżuri meħuda minn kull Stat Membru sabiex tiġi restawrata l-vijabbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkun approva, mingħajr ma tfittex li tarmonizza l-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 2013, LBI, C-85/12, EU:C:2013:697, punt 22, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 104).

104 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostni l-BNB, id-Direttiva 2001/24 tista' tapplika għal sitwazzjoni purament interna għal Stat Membru. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-kliem stess tal-Artikolu 1(1), moqri fid-dawl tal-premessa 2 ta' din id-direttiva, din tapplika għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'mod partikolari meta jkollhom fergħat fi Stat Membru differenti minn dak tas-sede statutorja, kif ukoll għal dawn l-istess fergħat. Barra minn hekk, anki jekk id-Direttiva 2001/24 hija intiża sabiex tirregola speċifikament sitwazzjoni li tista' sseħħ f'każ ta' diffikultajiet f'istituzzjoni ta' kreditu li għandha fergħat fi Stati Membri oħra, xejn ma jindika li l-miżuri ta' riorganizzazzjoni li hija tipprevedi japplikaw biss għal tali sitwazzjoni transkonfinali.

105 Konformement mas-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24, għandhom jitqiesu bħala miżuri ta' riorganizzazzjoni, fis-sens ta' din id-direttiva, il-miżuri li, minn naħa, huma intiżi sabiex jippreżervaw jew li jistabbilixxu mill-ġdid is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu u, min-naħa l-oħra, jistgħu jaffettwaw id-drittijiet preeżistenti ta' terzi. Għandhom, b'mod partikolari, jittieħdu inkunsiderazzjoni fost dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni l-miżuri ta' sospensjoni tal-pagamenti, bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, kif jirriżulta mill-premessa 6 u mill-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, li dawn ikunu ġew adottati minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 110).

106 Barra minn hekk, peress li tali miżuri ta' sospensjoni tal-pagamenti, fis-sens tas-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24, għandhom jitqiesu li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, huma għandhom jikkonformaw ruħhom mad-drittijiet fundamentali stabbiliti minn din tal-aħħar, b'mod partikolari mad-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17(1) tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punti 17 sa 19, u tat-13 ta' Ġunju 2019, Moro, C-646/17, EU:C:2019:489, punti 66 u 67 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

107 Madankollu, id-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17(1) tal-Karta ma huwiex prerogattiva assoluta u l-eżerċizzju tiegħu jista' jkollu limitazzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, ikunu previsti mil-liġi, josservaw il-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt u li, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni, jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.(ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u l-BĊE, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punti 69 u 70 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

108 Peress li miżuri ta' sospensjoni tal-pagamenti, bħal dawk inkwistjoni fit-tilwima fil-kawża prinċipali, huma intiżi sabiex jippreżervaw jew jistabbilixxu mill-ġdid is-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, dawn għandhom jitqiesu li jissodisfaw effettivament għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni. Fil-fatt, is-servizzi finanzjarji għandhom rwol ċentrali fl-ekonomija tal-Unjoni, peress li l-banek u l-istituzzjoni ta' kreditu huma sors essenzjali ta' finanzjament għal impriżi attivi fid-diversi swieq. Barra minn hekk, ħafna drabi l-banek ikunu interkonnessi u numru minnhom jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fuq livell internazzjonali.

Huwa għalhekk li hemm ir-riskju li l-falliment ta' bank wieħed jew iktar jespandi b'mod rapidu għall-banek l-oħra jew fl-Istat Membru kkonċernat jew fi Stati Membri oħra. Dan jirriskja, min-naħa tiegħu, li jipproduċi effetti ta' taħriġ negattiv f'setturi oħra tal-ekonomija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 50, kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2016, Ledra Advertising *et* vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 72).

109 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha li jikkaratterizzaw il-kawża prinċipali, jekk il-miżuri ta' sorveljanza inkwistjoni jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għanijiet imfittxija, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari jekk, fid-dawl tar-riskju imminenti ta' telf finanzjarju li d-depożitanti mal-KTB kienu ġew esposti għalih f'każ ta' falliment tagħha, miżuri oħra inqas restrittivi, bħas-sospensjoni parzjali tal-pagamenti jew il-limitazzjoni parzjali tal-attivitajiet tal-KTB, ippermettew li jintlaħqu l-istess riżultati.

110 Issa, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-miżuri ta' sorveljanza inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhom portata limitata fiż-żmien u li, matul dan il-perijodu, konformement mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, interessi miftiehma ddekorrew fuq l-impenji finanzjarji sospiżi. Barra minn hekk, minbarra l-fatt li l-ammont iggarantit tad-depożiti mal-KTB tħallas lura lir-rikorrenti fil-kawża prinċipali permezz tal-FGVB, l-ammont tad-depożiti tagħha li jaqbeż l-ammont iggarantit jibqa' rekuperabbli fil-kuntest tal-proċedura ta' falliment mibdija fil-konfront ta' dan il-bank.

111 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-punt (b) tat-tielet domanda għandha tkun li s-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24, moqri fid-dawl tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li miżura ta' sospensjoni tal-pagamenti applikata minn bank ċentrali nazzjonali għal istituzzjoni ta' kreditu, bħala miżura ta' ristrutturazzjoni intiża sabiex tippreżerva jew tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni finanzjarja ta' din l-istituzzjoni, tikkostitwixxi ndħil inġustifikat u sproporzjonat fl-eżerċizzju tad-dritt ta' proprjetà ta' depożitanti mal-imsemmija istituzzjoni jekk hija ma tosservax il-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt u jekk, fid-dawl tar-riskju imminenti tat-telf finanzjarju li għalih ikunu ġew esposti d-depożitanti f'każ ta' falliment tagħha, miżuri oħra inqas vinkolanti kienu jippermettu li jintlaħqu l-istess riżultati, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

### *Fuq il-punti (c) sa (e) tat-tielet domanda*

112 Permezz tal-punti (c), (d) u (e) tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu kkawżat mill-awtorità nazzjonali kkonċernata huwa suġġett, l-ewwel nett, għall-annullament minn qabel tal-att jew tal-ommissjoni reali tad-dannu, it-tieni nett, għan-natura intenzjonali tad-dannu u, it-tielet nett, għall-obbligu għall-individwu li jipproduċi l-prova tal-eżistenza ta' dannu materjali reali u ċert fil-mument tal-preżentata tar-rikors għal kumpens.

113 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lilu huwa inerenti għas-sistema tat-trattati li fuqhom din tal-aħħar hija bbażata. L-individwi leżi għandhom dritt għal kumpens meta jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet,

jiġifieri li r-regola tad-dritt tal-Unjoni miksura jkollha l-għan li tagħtihom drittijiet, li l-ksur ta' din id-dispożizzjoni huwa suffiċjentement serju u li teżisti rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu subit minn dawn l-individwi (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 92 u 94 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

114 Għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jeskludix li r-responsabbiltà tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni tista' tiġi stabbilita f'kundizzjonijiet inqas restrittivi abbażi tad-dritt nazzjonali, huwa jipprekludi, min-naħa l-oħra, li dan jimponi kundizzjonijiet addizzjonali f'dan ir-rigward (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 120 u 121 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

115 Kif tfakkar fil-punt 63 ta' din is-sentenza, il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19 jikkostitwixxi dispożizzjoni legali intiża sabiex tagħti drittijiet lill-individwi u li tippermetti lid-depożitanti jippreżentaw rikors għall-kumpens tad-dannu kkawżat mill-ħlas lura tardiv tad-depożiti, filwaqt li jħallu lill-qorti nazzjonali adita b'tali rikors il-kompitu li tivverifika, l-ewwel nett, jekk in-nuqqas ta' konstatazzjoni ta' indisponibbiltà tad-depożiti fit-terminu ta' ħamest ijiem tax-xogħol previst f'din id-dispożizzjoni, minkejja l-fatt li l-kundizzjonijiet iddikjarati kjarament fl-imsemmija dispożizzjoni kienu ssodisfatti, jikkostitwixxi, fiċ-ċirkustanzi inkwistjoni, ksur suffiċjentement serju, fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, u, it-tieni nett, jekk teżistix rabta kawżali diretta bejn dan il-ksur u d-dannu subit mid-depożitant (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punt 117).

116 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jindika l-qrati kompetenti u li għandu jirregola l-modalitajiet tal-azzjonijiet ġudizzjarji intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-individwi jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, peress li l-kundizzjonijiet dwar l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat huma ssodisfatti, fatt li għandu jiġi ddeterminat mill-qrati nazzjonali, huwa fil-kuntest tad-dritt nazzjonali tar-responsabbiltà li l-Istat għandu jikkumpensa l-konsegwenzi tad-dannu kkawżat lill-individwu permezz tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, bil-kundizzjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli għal dan il-għan ma jkunux inqas favorevoli minn dawk applikabbli għat-talbiet simili bbażati fuq ksur tad-dritt nazzjonali (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma jkunux ifformulati b'mod li jrendu, fil-prattika, impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-ksib tal-kumpens (il-prinċipju ta' effettività) (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, il-punti 122 u 123 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). L-osservanza ta' dawn iż-żewġ prinċipji għandha tiġi eżaminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni r-rwol tar-regoli kkonċernati fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari ta' dawn ir-regoli quddiem id-diversi qrati nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2019, Călin, C-676/17, EU:C:2019:700, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

117 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' effettività, kull darba li tqum il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħall-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck, C-312/93, EU:C:1995:437, punt 14; tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen, C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441, punt 19; tal-15 ta' Marzu 2017, Aquino, C-3/16, EU:C:2017:209, punt 53; kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2019, Călin, C-676/17, EU:C:2019:700, punt 42).

118 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati d-domandi magħmula.

119 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni proċedurali prevista mid-dritt nazzjonali, li permezz tagħha l-preżentata, minn individwu, ta' rikors għal kumpens għad-danni allegatament ikkawżati minn ksur tad-dritt tal-Unjoni hija suġġetta għall-annullament minn qabel tal-att jew tal-ommissjoni li jikkawżaw id-dannu, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li tali kundizzjoni ma tistax tiġi ssodisfatta fil-kawża prinċipali, peress li l-miżuri ta' sorveljanza u ta' riorganizzazzjoni adottati mill-BNB fir-rigward tal-KTB ma kellhomx bħala destinatarji tagħhom l-individwi, b'mod partikolari d-depożitanti ma' dan l-istituzzjoni ta' kreditu, u li, għaldaqstant, dawn ma humiex ammissibbli biex jippreżentaw rikors għal annullament kontra tali miżuri.

120 Issa, tali kundizzjoni tista' tirrendi eċċessivament diffiċli l-kisba tal-kumpens għad-danni kkawżati mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni, meta, fil-prattika, l-annullament tal-att jew tal-ommissjoni fl-oriġini ta' dawn id-danni huwa eskluż jew limitat ħafna u, konsegwentement, ma jkunx raġonevoli li tiġi imposta tali kundizzjoni fuq il-persuna leża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 143, 146 u 147).

121 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni prevista mid-dritt nazzjonali, dwar in-natura intenzjonali tal-aġir tal-awtorità pubblika jew tal-aġent li wassal għad-dannu, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għall-kundizzjoni supplimentari, li tmur lil hinn mill-ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni, ibbażat fuq in-natura intenzjonali ta' dan l-aġir, bħal dak li jirriżulta mill-Artikolu 79(8) tal-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Kantarev, C-571/16, EU:C:2018:807, punti 126 sa 128 u t-tieni inċiż tal-punt 5 tad-dispożittiv).

122 Fir-rigward tat-tielet kundizzjoni prevista mid-dritt nazzjonali, li teżiġi li r-rikorrenti tipproduċi l-prova li hija sofriet dannu reali u ċert fil-mument tal-preżentata tar-rikors għall-kumpens, għandu jitfakkar li l-obbligu għall-individwi leżi li jistabbilixxu b'mod suffiċjenti fid-dritt il-portata tad-dannu mġarrab bħala konsegwenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni jikkostitwixxi, bħala prinċipju, kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat għal dawn id-danni.

123 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkwantifikat b'mod ċar id-danni li hija tallega li ġarrbet b'konsegwenza tal-ksur tad-dritt tal-Unjoni li hija timputa lill-BNB. Għalhekk, fil-kuntest tal-ewwel kap tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti evalwat għal BGN 8 627.96 (madwar EUR 4 400) id-dannu tagħha fir-rigward tal-interessi legali fuq l-ammont iggarantit tad-depożiti tagħha mal-KTB, għall-perijodu bejn id-data tal-bidu tal-istat ta' insolvenza ta' dan il-bank u d-data li fiha l-ammonti ggarantiti tad-depożiti tagħha ġew imħallsa lura lilha. Fil-kuntest tat-tieni kap tat-talbiet tagħha, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali stmat li BGN 44 070.90 (madwar EUR 22 500) għad-dannu tagħha fir-rigward tal-ammont tad-depożiti tagħha li jaqbeż il-limitu massimu tal-ammont iggarantit.

124 Il-qorti tar-rinviju tqis li t-tieni kap tat-talbiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma jirrigwardax dannu reali u ċert iżda dannu li għadu ma seħħx, peress li l-proċedura ta' falliment, li fil-kuntest tagħha r-rikorrenti fil-kawża prinċipali tista' tingħata lura l-ammonti li jaqbżu l-ammont iggarantit tad-depożiti tagħha, għadha ma ngħalqitx. Madankollu, għalkemm tali ċirkustanza għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami fil-mertu tar-rikors prinċipali, hija nieqsa minn rilevanza f'dak li jirrigwarda l-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors.

125 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, peress li l-kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għandu jkun adegwat għad-dannu subit, b'mod li tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tagħhom (sentenzi tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 82, kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2019, Hochtief Solutions Magyarországi Fióktelepe, C-620/17, EU:C:2019:630, punt 46), il-qrati nazzjonali ma humiex fondati li jiżguraw li l-protezzjoni tad-drittijiet iggarantiti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma jwassalx għal arrikkiment indebitu tal-aventi kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2006, Manfredi *et*, C-295/04 sa C-298/04, EU:C:2006:461, punt 94).

126 Madankollu, għandu jitfakkar ukoll li l-protezzjoni effettiva tad-dritt għall-kumpens għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha tippermetti azzjoni għad-danni bbażata fuq danni imminenti u prevedibbli b'ċertezza suffiċjenti, anki jekk id-dannu jkun għadu ma jistax jiġi kkwantifikat bi preċiżjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-2 ta' Ġunju 1976, Kampffmeyer *et* vs KEE, 56/74 sa 60/74, EU:C:1976:78, punt 6).

127 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-punti (c) sa (e) tat-tielet domanda għandha tkun li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istati Membri għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

– ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu subit minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għall-annullament minn qabel tal-att amministrattiv jew tal-ommissjoni amministrattiva li tikkawża d-dannu, sakemm dan l-annullament, anki jekk ikun meħtieġ għal talbiet simili bbażati fuq ksur tad-dritt nazzjonali, ma jkunx, fil-prattika, eskluż jew limitat ħafna;

– jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu subit minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għall-kundizzjoni bbażata fuq in-natura intenzjonali tad-dannu kkawżat mill-awtorità nazzjonali inkwistjoni;

– ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu subit minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għall-kundizzjoni li jipproduċu l-prova ta' dannu reali u ċert fil-mument tal-preżentata tar-rikors, bil-kundizzjoni li din il-kundizzjoni, minn naħa, ma tkunx inqas favorevoli minn dawk applikabbli għat-talbiet simili bbażati fuq ksur tad-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, ma tkunx strutturata b'mod li tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-każijiet konkreti, l-eżerċizzju ta' tali dritt.

### *Fuq l-ewwel domanda*

128 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jobbligaw lil qorti adita b'rikors għall-kumpens formalment ibbażat fuq dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għad-danni li jirriżultaw minn attività amministrattiva, iżda li insostenn tagħha jiġu invokati motivi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni bħala konsegwenza ta' tali attività, li tikklassifika *ex officio* dan ir-rikors bħala bbażat fuq nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw, għall-Istati Membri, mill-Artikolu 4(3) TUE.

129 Il-qorti tar-rinviju tippreċiża, f'dan ir-rigward, li, fil-kuntest ta' rikors għad-danni tal-Istat li jirriżulta mill-attività ġudizzjarja, ippreżentat abbażi tal-Grazhdanski protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-qorti kompetenti għandha tikklassifika *ex officio* tali rikors billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li fuqhom dan huwa bbażat. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest ta' rikors għad-danni ppreżentat fuq il-bażi tal-APK, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti kompetenti ma tistax tikklassifika *ex officio* tali rikors u, għalhekk, jekk ikun il-każ, tapplika *ex officio* d-dritt tal-Unjoni.

130 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-individwi għandu jkollhom rimedju ġudizzjarju li jippermettilhom jiddefendu d-drittijiet li huma ggarantiti lilhom mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság, C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, EU:C:2020:367, punti 142 sa 144), b'mod partikolari d-dritt għal kumpens li, meta l-kundizzjonijiet dwar l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, imfakkra fil-punt 113 ta' din is-sentenza, ikunu ssodisfatti, isib direttament il-bażi tiegħu fid-dritt tal-Unjoni.

131 Kif tfakkar fil-punt 116 ta' din is-sentenza, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam, il-kwistjoni dwar il-klassifikazzjoni ġuridika ta' rikors taqa', skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, taħt id-dritt intern ta' kull Stat Membru, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.

132 Fir-rigward, minn naħa, tal-prinċipju ta' ekwivalenza, huwa irrilevanti li, skont id-dritt nazzjonali, il-qorti adita b'rikors ippreżentat skont l-APK, intiż sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat għad-danni li jirriżultaw minn attività amministrattiva, ma għandhiex il-possibbiltà li tikklassifika *ex officio* dan ir-rikors billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li fuqhom dan huwa bbażat, filwaqt li qorti adita b'rikors ippreżentat skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, intiż sabiex tiġi stabbilita ir-responsabbiltà tal-Istat għal danni li jirriżultaw minn attività ġudizzjarja, hija marbuta li tipproċedi għal tali klassifikazzjoni.

133 Fil-fatt, dan il-prinċipju jimplika trattament ugwali ta' azzjonijiet ibbażati fuq ksur tad-dritt nazzjonali u ta' dawk, simili, ibbażati fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni, u mhux l-ekwivalenza tar-regoli proċedurali nazzjonali applikabbli għal tilwimiet ta' natura differenti bħalma huma, bħal fil-kawża prinċipali, l-kontenzjuż ċivili, minn naħa, u l-kontenzjuż amministrattiv, min-naħa l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia, C-69/14, EU:C:2015:662, punt 34).

134 Min-naħa l-oħra, il-prinċipju ta' effettività, imfakkar fil-punt 117 ta' din is-sentenza, ma jobbligax lill-qorti adita, skont id-dritt nazzjonali, b'rikors għad-danni mill-Istat għad-danni kkawżati lill-individwi bħala konsegwenza ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni li tikklassifika *ex officio* dan ir-rikors bħala bbażat fuq l-Artikolu 4(3) TUE, sa fejn ebda dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ma tipprekludi lil din il-qorti milli teżamina l-motivi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni invokati insostenn tar-rikors. Fil-fatt, soluzzjoni kuntrarja tkun ta' natura li tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju, mill-persuni leżi, tad-dritt tagħhom għal kumpens ibbażat fuq id-dritt tal-Unjoni.

135 Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-prinċipju ta' effettività ma jirrikjedix, bħala prinċipju, li l-qrati nazzjonali jqajmu *ex officio* motiv ibbażat fuq ksur ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, meta l-eżami ta' dan il-motiv jobbligahom joħorġu mil-limiti tat-tilwima kif ċirkoskritta mill-partijiet, billi jibbażaw ruħhom fuq fatti u ċirkustanzi differenti minn dawk li fuqhom il-parti li għandha interess

għall-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet tkun ibbażat it-talba tagħha (sentenzi tat-14 ta' Diċembru 1995, Vejdel u van Schijvan, C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441, punt 22; tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et*, C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, punti 36 u 41; kif ukoll tas-26 ta' April 2017, Farkas, C-564/15, EU:C:2017:302, punt 32).

136 Fil-fatt, peress li r-rikorrenti effettivament qajmet motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-Istat, l-eżami ta' dan il-motiv mill-qorti nazzjonali kompetenti ma jobbligahiex, normalment, li toħroġ mil-limiti tal-kawża kif ġie limitat minn din il-parti.

137 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jobbligawx lil qorti adita b'rikors għall-kumpens formalment ibbażat fuq dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal danni li jirriżultaw minn attività amministrattiva, iżda li insostenn tagħha jiġu invokati motivi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni bħala konsegwenza ta' tali attività, li tikklassifika *ex officio* dan ir-rikors bħala li huwa bbażat fuq l-Artikolu 4(3) TUE, sakemm din il-qorti ma hijiex imwaqqfa, mid-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali applikabbli, milli teżamina l-motivi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni invokati insostenn ta' dan ir-rikors.

**Dwar l-ispejjeż**

138 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 7(6) tad-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti, kif emendata bid-Direttiva 2009/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt għal kumpens tad-depożitant li huwa jipprevedi jkopri biss il-ħlas lura, mill-iskema ta' garanzija tad-depożiti, tad-depożiti mhux disponibbli ta' dan id-depożitant, fl-ammont stabbilit fl-Artikolu 7(1a) ta' din id-direttiva, kif emendata bid-Direttiva 2009/14, wara l-konstatazzjoni tal-indisponibbiltà, mill-awtorità nazzjonali kompetenti, tad-depożiti miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu kkonċernata, b'tali mod, skont il-punt 3(i) tal-Artikolu 1 ta'din id-direttiva, kif emendata bid-Direttiva 2009/14, li l-Artikolu 7(6) tal-istess direttiva, kif emendata bid-Direttiva 2009/14, ma jistax jifforma l-bażi, għall-benefiċċju tal-imsemmi depożitant, ta' dritt għal kumpens tad-dannu kkawżat mill-ħlas lura tardiv tal-ammont iggarantit tad-depożiti kollha tiegħu jew minn sorveljanza ineffettiva min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fir-rigward tal-istituzzjoni ta' kreditu li d-depożiti fiha saru indisponibbli.**

2) **Id-dispożizzjonijiet magħquda tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1, tal-Artikolu 7(6) u tal-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 94/19, kif emendata bid-Direttiva 2009/14, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali jew klawżola kuntrattwali li permezz tagħha depożitu ma' istituzzjoni ta' kreditu li l-ħlasijiet tiegħu jkunu ġew sospiżi jsir pagabbli biss wara r-revoka, mill-awtorità kompetenti, tal-awtorizzazzjoni**

**bankarja maħruġa lil din l-istituzzjoni u bil-kundizzjoni li d-depożitant ikun talab espressament il-ħlas lura ta' dan id-depożitu. Skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, kull qorti nazzjonali adita b'rikors għal kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat mill-ħlas lura tal-ammont iggarantit ta' tali depożitu lil hinn mit-terminu previst fl-Artikolu 10(1) ta' din id-direttiva, kif emendata bid-Direttiva 2009/14, hija obbligata twarrab din il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew din il-klawżola kuntrattwali, sabiex tiddeċiedi dan ir-rikors.**

3) **L-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, moqri fid-dawl tal-premessa 27 tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni rakkomandazzjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea adottata abbażi ta' din id-dispożizzjoni, bil-għan li taqta' t-tilwima mressqa quddiemha, b'mod partikolari fil-kuntest ta' rikors intiż li jistabbilixxi r-responsabbiltà ta' Stat Membru għal danni kkawżati lil individwu minħabba n-nuqqas ta' applikazzjoni jew l-applikazzjoni żbaljata jew l-applikazzjoni insuffiċjenti tad-dritt tal-Unjoni fl-oriġini tal-proċedura ta' investigazzjoni li tkun wasslet għall-adozzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni. L-individwi leżi mill-ksur tad-dritt tal-Unjoni kkonstatat minn tali rakkomandazzjoni, anki jekk ma jkunux id-destinatarji tagħha, għandhom ikunu jistgħu jibbażaw ruħhom fuq din ir-rakkomandazzjoni sabiex tiġi kkonstatata, quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti, ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat minħabba l-imsemmi ksur tad-dritt tal-Unjoni.**

**Ir-Rakkomandazzjoni EBA/REC/2014/02 tal-Awtorità Bankarja Ewropea tas-17 ta' Ottubru 2014, indirizzata lill-Balgarska Narodna Banka (il-Bank Nazzjonali Bulgaru) u lill-Fond za garantirane na vlogovete v bankite (Fond ta' garanzija għal depożiti bankarji), fuq il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw ruħhom mad-Direttiva 94/19/KE, hija invalida, sa fejn hija assimilat id-deċiżjoni tal-Balgarska Narodna Banka (il-Bank Nazzjonali Bulgaru) li jqiegħed il-Korporativna Targovska Banka AD taħt sorveljanza speċjali u li jissospendi l-obbligi tiegħu għal konstatazzjoni tal-indisponibbiltà tad-depożiti, fis-sens tal-punt 3(i) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 94/19, kif emendata bid-Direttiva 2009/14.**

4) **Is-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, moqri fid-dawl tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li miżura ta' sospensjoni tal-pagamenti applikata minn bank ċentrali nazzjonali għal istituzzjoni ta' kreditu, bħala miżura ta' ristrutturazzjoni intiża sabiex tippreżerva jew li tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni finanzjarja ta' din l-istituzzjoni, tikkostitwixxi ndħil inġustifikat u sproporzjonat fl-eżerċizzju tad-dritt tal-proprjetà ta' depożitanti mal-imsemmija istituzzjoni jekk hija ma tosservax il-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt u jekk, fid-dawl tar-riskju imminenti ta' telf finanzjarju li għalih id-depożitanti jkunu ġew esposti f'każ ta' falliment tagħha, miżuri oħra inqas vinkolanti kienu jippermettu li jintlaħqu l-istess riżultati, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.**

5) **Id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istati Membri għad-danni kkawżati lill-individwi minħabba l-ksur tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

– **ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu subit minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għall-annullament minn qabel tal-att amministrattiv jew tal-ommissjoni amministrattiva li tikkawża d-dannu, sakemm dan l-annullament, anki jekk ikun meħtieġ għal talbiet simili bbażati fuq ksur tad-dritt nazzjonali, ma jkunx, fil-prattika, eskluż jew limitat ħafna;**

– **jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu subit minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għall-kundizzjoni bbażata fuq in-natura intenzjonali tad-dannu kkawżat mill-awtorità nazzjonali inkwistjoni;**

– **ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta d-dritt tal-individwi li jiksbu kumpens għad-dannu subit minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni għall-kundizzjoni li jipproduċu l-prova ta' dannu reali u ċert fil-mument tal-preżentata tar-rikors, bil-kundizzjoni li din il-kundizzjoni, minn naħa, ma tkunx inqas favorevoli minn dawk applikabbli għat-talbiet simili bbażati fuq ksur tad-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, ma tkunx strutturata b'mod li tirrendi impossibbli jew eċċessivament diffiċli, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-każijiet konkreti, l-eżerċizzju ta' tali dritt.**

6) **Il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jobbligawx lil qorti adita b'rikors għal kumpens formalment ibbażat fuq dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-Istat għal danni li jirriżultaw minn attività amministrattiva, iżda li insostenn tagħha jiġu invokati motivi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni bħala konsegwenza ta' tali attività, li tikklassifika *ex officio* dan ir-rikors bħala li huwa bbażat fuq l-Artikolu 4(3) TUE, sakemm din il-qorti ma hijiex imwaqqfa, mid-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali applikabbli, milli teżamina l-motivi bbażati fuq il-ksur tad-dritt tal-Unjoni invokati insostenn ta' dan ir-rikors.**

Firem